**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1163/2014**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**
**(Spettur Jesmond Micallef)**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**-vs-**

**PAUL (PETER PAUL) SHEEHAN**

**Illum, 25 ta' Gunju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **PAUL (PETER PAUL) SHEEHAN** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 354374M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar id-19 ta' Novembru 2014 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' filghaxija (20:45), f' dawn il-gzejjer u cioe' fi Triq Edgar Bernard Gzira u kif ukoll fi bandi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt jikkonsisti f'omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, liema offiza ma gietx esegwita minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta` tieghu.

2. U aktar talli kkawza lil Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta` tieghu liema delitt twettaq bl-uzu jew it-theddid ta' arma;

3. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni FE10SPV tal-ghamla Vauxhall Insignia ghad-dannu ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A u/jew ta' persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro (€2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250);

4. U aktar talli waqt li kien qieghed jaghmel reat kontra persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-propjeta` (minbarra hsara involontarja fil-propjeta`) kellhu fuq il-persuna tieghu arma regolari u munizzjon minghajr ma kien qed igorr l-arma tan-nar bi skop legittimu;

5. U aktar talli minghajr licenzja tal-Pulizija, ta nar jew spara maskli, bombi, suffarelli, jew xogholijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella tella' blalen bin-nar jew, in generali, ghamel esplozjoni ta' nar li seta' kien ta' periklu, f'kull post li jkun; u cioe; spara arma tan-nar tal-ghamla Glock f'post pubbliku;

6. U aktar talli bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor.

7. U aktar talli b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

8. U aktar talli ghad li kellhu l-jedd li jwiddeb lil haddiehor, hareg barra mill-qies;

9. U finalment talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghamel ir-reati sui riferiti, liema reati huwa kellhu jissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellhu d-dmir li jimpedixxi;

Il-Prosekuzzjoni minhabba f'ragunijiet motivati, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Stephen Smith detentur tal-karta tal-identita` 20025A, talbet ukoll lil din l-Onorabbli Qorti tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Paul (Peter Paul) Sheehan ai termini tal-artikolu 412 C tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Rat illi waqt l-interrogatorju fis-26 ta' Novembru 2014, l-imputat wiegeb li m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat in-nota tas-27 ta' Frar 2017[1] tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:-

1. fl-Artikoli 17, 31, 383, 412C, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikoli 141, 251(3), 251H(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 141, 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 913.

5. fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 2, 24(1) u 33 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 141, 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. fl-Artikoli 141, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. fl-Artikoli 141, 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017[2] l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-S.T.O l-Prim'Imhallef fit-12 ta' Gunju 2019;

Rat illi l-Prosekuzzjoni, il-parte civile kif ukoll id-difiza lkoll ezentaw lil din il-Qorti milli terga tisma' mill-gdid it-testimonjanza tax-xiehda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet orali li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni, tal-parte civile u tad-difiza fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2020;

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

[2] Fol. 914.

Ikkunsidrat;

**Osservazzjonijiet dwar l-Istqarrijiet rilaxxati mill-Imputat**

Il-Prosekuzzjoni ressqet fl-atti zewg stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, wahda fl-20 ta' Novembru 2014 u stqarrija ohra rilaxxata fis-26 ta' Novembru 2014; din tal-ahhar ma gietx iffirmata minnu.

Fil-kaz odjern, id-difiza ddikjarat espressament[3] illi ma ghandha l-ebda rizerva dwar l-ammissibbilita` tal-istqarrijiet tal-imputat u li dawn ghandhom jinghataw valur probatorju. Madanakollu, huwa evidenti illi dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati fi zmien meta l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija. Effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet ittiehdu minghand l-imputat minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ghaliex il-ligi dak iz-zmien ma kienetx tippermetti illi suspettat ikollu assistenza legali **waqt** li jigi interrogat, izda kienet tippermetti biss illi suspettat jithalla jikkonsulta ma' avukat **qabel** ma jigi interrogat.

Il-gurisprudenza recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[4] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[5], kif ukoll il-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Jannar 2020 fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmel Polidano et**, ilkoll moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[6], pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-

[3] Vide verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar 2020.
[4] Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.
[5] Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.
[6] Il-Qorti Ewopeja.

kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[7], gie effettivament ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

Illi f'Novembru tas-sena 2014, meta ttiehdu l-istqarrijiet tal-imputat, il-provvedimenti tal-Kodici Kriminali ma kienux konformi mad-dettami tad-dritt ghal smigh xieraq kif enuncjat fil-gurisprudenza fuq citata, u kif inhuma ezistenti llum wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016 li gie fis-sehh f'Novembru 2016, ghaliex dak iz-zmien id-dritt ta' assistenza legali kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogazzjoni u b'hekk, kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogazzjoni.

Fis-sentenza taghha tal-14 Dicembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk in propositu:-

*"... il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*[8]

Fil-kaz odjern, fejn l-istqarrijiet tal-imputat ittiehdu fi zmien meta d-dritt tas-suspettat li jkollu assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, kien ghadu ma dahalx fis-sehh, jirrizulta illi s-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Madanakollu, din il-Qorti, anke wara li rat l-insenjament l-iktar recenti tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Farrugia v. Malta**, ma taqbilx illi r-rimedju f'sitwazzjonijiet bhal dawn

[7] Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.
[8] **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**.

ghandu jkun it-tnehhija ta l-istqarrija mill-atti, **anke ghaliex in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni ma jnaqqasx mill-ammissibbilita` bhala prova, tal-istess stqarrija u lanqas iwassal awtomatikament ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.** Jinghad illi sabiex jigi ravvizat ksur ta' dan il-jedd, il-proceduri jridu jitqiesu **fit-totalita` taghhom** bil-process kriminali ikun intemm b'dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat[9].

Mizmum ferm dak kollu premess, din il-Qorti taqbel illi ghall-fini tad-determinazzjoni tal-htija o meno ta' reat kriminali, kemm jista' jkun ghandu jigi evitat li jsir uzu minn jew referenza ghal dikjarazzjonijiet inkriminanti maghmula mis-suspettat waqt xi interrogazzjoni mill-Pulizija, bhala prova kontrih innifsu fil-proceduri penali, fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu saru minghajr is-salvagwardji kollha kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq u fejn ma tezisti l-ebda prova ohra fl-atti li tikkorrobora dik il-prova. Izda dan ma jfissirx illi kull haga ohra li jkun intqal mis-suspettat waqt l-interrogazzjoni ghandha tigi skartata b'mod assolut fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna, purche` kollox jitqies bi skrutinju strett.

Il-Qorti tqis illi dikjarazzjonijiet inkriminanti li setghu saru minn persuna suspettata minghajr ma kienet assistita legalment ma ghandhomx jifformaw il-bazi unika tas-sejbien ta' htija jekk irid jigi assigurat li l-process kollu ma jitqieghedx f'riskju li jithassar minhabba xi possibbilita` ta' lezjoni tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq. Il-Qorti tqis illi huwa doveruz fuqha illi tassigura li l-persuna mixlija quddiemha b'reat kriminali, jinghata smigh xieraq inkluz, u dan billi, fost ohrajn, teskludi evidenza li jista' jippregudika dan id-dritt ghaliex ikollha l-effett li topera ingustament kontra l-imputat jew effett negattiv fuq il-*fairness* tal-proceduri.

---

[9] Ara decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Dimech vs. Malta**, App. Nr. 34373/13, deciza 2 ta' April 2015, u **Tyrone Fenech v. Malta**, deciza 5 ta' Jannar 2016.

Fil-kaz odjern, kif rajna, id-difiza ddikjarat espressament illi hija taqbel illi l-Qorti tiehu konjizzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet in kwistjoni ghall-finijiet ta' prova u tqishom fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputat ghall-akkuzi odjerni. Inoltre, fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat, allura suspettat kien ipprevalixxa ruhu mid-dritt moghti lilu biex jikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu qabel ittehdulu l-istqarrijiet in kwistjoni.

Izda mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, u minkejja l-kunsens espress moghti mid-difiza sabiex il-Qorti taghmel referenza ghall-kontenut taz-zewg stqarrijiet ghall-fini ta' prova tad-difiza tal-imputat, il-Qorti ma taqbilx li ghandha tiehu konjizzjoni tal-kontenut <u>**shih**</u> tal-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, allura suspettat. Ghaldaqstant, sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jistghu jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita`, **il-Qorti meta tigi biex tqis il-gabra tal-provi akkwiziti f'dawn il-proceduri, sejra tiehu qies tal-istqarrijiet in kwistjoni safejn id-dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat waqt l-interrogazzjoni kienu intizi specifikatament ghall-gustifikazzjoni u difiza tal-ghemil tieghu**.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hija tal-fehma wkoll illi hekk kif m'hijiex serja tqis xi dikjarazzjonijiet possibbilment inkriminanti li setghu saru mill-imputat minghajr il-prezenza tal-avukat tieghu, hekk ukoll sejra tasal ghall-konkluzjonijiet taghha indipendentement minn dik il-parti mit-testimonjanza tal-Ufficjali tal-Pulizija fejn xehdu dwar il-verzjoni ta' fatti moghtija lilhom mill-imputat *a tempor vergine*. Dan ghaliex mill-provi ma jirrizultax li sa dak it-tant l-imputat kien inghata d-debita twissija skont il-ligi, u dan minkejja illi kellu diga` jitqies bhala persuna suspettata galadarba kien spara lejn persuna ohra b'arma tan-nar u meta

evidentement, kien instab mill-ufficjali tal-Korp li waslu fuq il-post, b'sieqU fuq Smith li kien mimdud fl-art, u bl-arma ppuntata lejh[10].

Ikkunsidrat;

Dan stabbilit izda, il-Qorti tqis bhala pjenament ammissibbli skont il-ligi r-*recordings* tat-telefonati li l-imputat ghamel huwa stess lill-Control Room u fuq il-linja 112 fil-waqt tal-kummissjoni tad-delitt u immedjatament wara. Ghalkemm id-difiza qanqlet il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita` ta' dawn ir-*recordings* tat-telefonati li saru mill-imputat fuq il-linja 112 jew altrimenti lill-Kwartieri Generali tal-Pulizija, baqghet ma fissritx il-bazi legali ta' din il-kontestazzjoni. Iktar sinjifikanti minn hekk huwa l-fatt illi l-istess difiza baqghet qatt ma kkontestat bis-serjeta` l-produzzjoni ta' dawn il-provi fl-istadju opportun, u lanqas ghamlet talba ghall-isfilz taghhom.

Il-Qorti kkonkludiet li r-*recordings* ta' dawn it-telefonati huma ammissibbli stante illi dawn it-telefonati saru mill-imputat innifsu u bil-konoxxenza pjena illi t-telefonati li jsiru fuq il-linja 112 jigu rekordjati. Il-ligi taghna ma tistabbilixxi l-ebda *exclusionary rule of evidence* li tqis bhala inammissibbli *recordings* ta' episodji jew konversazzjonijiet, inkluz dawk telefonici, li huma relevanti sabiex jigu stabbiliti l-fatti tal-kaz, anke jekk tabilhaqq dawn ir-*recordings* inkisbu ad insaputa tal-persuna li tidher jew tinstema' fir-*recordings* jew addirittura bi ksur ta' xi ligi. Ghall-kuntrarju, il-principju regolanti in materja tal-ammissibbilita` ta' evidenza, anke fi proceduri penali, huwa dak enuncjat mill-Artikoli 558, 559 u 560 tal-Kap. 12[11] cioe` illi l-evidenza hija ammissibbli galadarba hija relevanti ghall-vertenza in litigju. U r-*recordings* tat-telefonati in kwistjoni huma, fil-fehma tal-Qorti, ferm relevanti ghad-determinazzjoni tal-fatti mertu tal-kaz.

---

[10] Ara xhieda ta' PC 159 u PC 1359, fost ohrajn.

[11] Rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali in virtu` tal-Artikolu 520 tal-Kap. 9.

Dan il-principju gie riaffermat fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[12], fejn inghad hekk:-

"*Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli.*"[13].

Il-Qorti tqis illi anke jekk il-materja tal-ammissibbilita` bhala evidenza ta' *recordings* ta' telefonati tigi mistharrga mill-ottika tad-dritt fondamentali tas-smigh xieraq garantit lill-persuna mixlija b'reat kriminali li tinstema' fir-*recording*, xorta wahda ma jirrizultax li l-ammissibbilita` ta' tali *recordings* ghandha tigi eskluza.

**Harris, O'Boyle, Bates & Buckely**[14] jghidu hekk in propositu:-

*"In Schenk v. Switzerland, the Court stated that Article 6 'does not lay down any rules on the admissibility of evidence as such, which is therefore primarily a matter for regulation under national law.' Accordingly, it 'is not the role of the Court to determine, as a matter of principle, whether particular types of evidence ... may be admissible ... The question for the Court instead is whether the proceedings as a whole, including the way in which the evidence was obtained, were fair. Accordingly, evidence may be admitted even if illegally obtained if this does not render the proceedings unfair. In the Schenk case, there was no breach of Article 6(1) when a tape recording of a conversation between the applicant and another person, P, that was obtained in breach of Swiss criminal and other laws, and that incriminated the applicant, was admitted in evidence. This was because the proceedings as a whole were not unfair, for the following reasons. First, the right of the defence had not been disregarded. In particular, the defence had the opportunity to challenge both the authenticity of the recording and its admission as evidence, and to examine both P and the police officer who had instigated the*

[12] Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 26 ta' April 2001.

[13] F'Blackstone Part F2 p.2347, 2012 Ed. Jintqal hekk: "*Referring to this pronouncement in Jeffrey v Black [1978] QB 490, Lord Widgery CJ said (at p. 497): 'I have not the least doubt that we must firmly accept the proposition that an irregularity in obtaining evidence does not render the evidence inadmissible*."

[14] *Law of the European Convention on Human Rights* (2014 Ed., p. 418 *et seq*.).

*recording. Secondly, the recording was not the only evidence on which the conviction was based."*

Dan ikompli jsahhah il-konkluzjoni li diga` waslet ghaliha l-Qorti, illi fis-sistema guridika taghna hija r-relevanza u l-portata tal-evidenza, anzicche` l-mezz li bih inkisbet l-evidenza li tiddetermina l-ammissibbilita` o meno tal-evidenza.

**Konformement, il-Qorti tqis illi sija r-*recordings* tat-telefonati li ghamel l-imputat minn jeddu fil-hin tal-kummissjoni tar-reat u immedjatament wara, kif ukoll il-*video* migbud minn Lidgia Farrugia Sammut, huma ammissibbli bhala evidenza u ser jinghataw id-debitu valur probatorju meta l-Qorti tigi biex tgharbel il-provi sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha.**

Ikkunsidrat;

Qabel tghaddi biex taghmel il-gudizzju taghha f'din il-kawza, il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax kif parti sostanzjali tal-provi giet diretta biex jigi determinat x'wassal biex il-vettura ta' Smith tigi mcaqalqa minn postha biex tigi mghobbija fuq il-*low loader* tal-Pulizija li ntbaghat fuq il-post fejn waqfu z-zewg vetturi[15], u min ta jew ma tax l-ordnijiet sabiex din il-vettura tittiehed minn fuq il-post qabel waslu fuq il-post l-ufficjali investigaturi u l-Magistrat Inkwirenti.

Huwa minnu illi f'dan il-kaz iz-zewg vetturi gew imcaqalqin mill-pozizzjoni li fiha kienu orginarjament spiccaw taht il-mina meta l-imputat irnexxielu jwaqqaf lil Smith, u huwa minnu wkoll li l-vettura ta' Smith li kienet milquta bil-balel sparati mill-arma tan-nar tal-imputat, spiccat tghabbiet fuq it-tow truck, lesta biex tittiehed minn fuq il-post qabel sahansitra waslu fuq il-post l-ufficjali investigturi inkarigati bl-investigazzjonijiet f'dan il-kaz. Izda l-Qorti tqis illi ghalkemm dan l-intervent mhux f'loku seta' ppregudika l-preservazzjoni tax-xena tad-delitt, dak li

[15] Ta' Stephen Smith u tal-imputat

sehh *ex post facto* id-delitt kommess mill-imputat, ftit li xejn huwa relevanti sabiex jghinha tiddetermina l-htija o meno tal-imputat ghar-reati li gew lilu addebitati. Il-Qorti tqis illi dak li huwa relevanti sabiex jigi deciz jekk l-imputat ghandux jinstab hati tar-reati lilu addebitati f'dawn il-proceduri, huwa dak li sehh **qabel** inghataw jew ma nghatawx dawn l-ordnijiet u ghaldaqstant m'hijiex serja taghti daqshekk importanza ghax-xhieda u l-provi li tressqu f'dan ir-rigward.

Fi kwalsiasi kaz, huwa facilment determinabbli mix-xhieda ta' P.C. 1388 Ryan Pisani[16], illi kien proprju l-Agent Kummissarju tal-Pulizija li kien ta l-ordni biex il-vettura ta' Smith titghabba fuq it-*tow truck* u tittiehed fil-garaxx tal-Pulizija, liema ordni tirrizulta wkoll inekwivokabilment mit-traskrizzjoni tat-telefonata bejn l-istess P.C. 1388 u l-Agent Kummissarju Raymond Zammit[17].

Ikkunsidrat;

Dwar il-fattispecje tal-kaz, il-Qorti wara li fliet b'mod akkurat l-atti processwali, tqis illi l-fatti saljenti u relevanti tal-kaz li jirrizultaw mill-provi, kif ukoll is-siltiet relevanti mix-xhieda, huma s-segwenti. Hawnhekk, il-Qorti sejra taghmel ukoll il-konsiderazzjonijiet taghha dwar dawk il-fatti li jirrizultaw debitament ippruvati.

**<u>Evidenza Saljenti, Fatti Rizultanti u Konsiderazzjonijiet Relevanti</u>**

Fid-19 ta' Novembru 2014, waqt li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Vauxhall Insigna bin-numru ta' registrazzjoni FE 10V SPV xi hin qabel id-9.00 p.m., Stephen Smith habat mal-vettura Mercedes tal-Ministru tal-Intern u Sigurta` Nazzjonali ta' dak iz-zmien, Dr. Emmanuel Mallia, liema vettura kienet ipparkeggjata gewwa Triq Nikola Cottoner, Gzira. Dak il-hin din il-vettura kienet

---

[16] Fol 782 – xhieda tal-20 ta' Novembru 2014 quddiem l-espert il-Perit Valerio Schembri.
[17] Telefonata li saret fid-19 ta' Novembru 2014 fid-21:15, formanti parti mir-rapport ta' Dr. Martin Bajada.

ghand ix-xufier tal-Ministru, l-imputat Paul Sheehan, li kien jinsab fir-residenza ta' ommu fl-indirizz 13, Triq Nikol Kottoner, Gzira.

Ghalkemm m'huwiex car mill-provi jekk Smith kienx waqqaf il-vettura tieghu meta saret il-habta jew jekk kienx baqa' sejjer dak il-hin, jirrizulta illi kif semghu il-hoss tal-habta, l-imputat kif ukoll certu Daniel Grech hargu mir-residenzi fejn kienu jinsabu dak il-hin gewwa l-imsemmija Triq Nikola Kottoner, biex jispezzjonaw il-vetturi rispettivi taghhom li kienu pparkjati fl-istess triq. Grech xehed illi l-vettura li dehrlu li kienet responsabbli ghall-impatt, kienet waqfet iktar 'il fuq fit-triq, fejn kien hemm speci ta' *roundabout*, izda ghal xi raguni din il-vettura saqet minn fuq il-post qabel irnexxilu jilhaqha. **Dak li hu zgur huwa li dak il-hin l-imputat dahal fil-vettura tal-Ministru, saq wara l-vettura ta' Smith u lahaqha gewwa Triq Wied Kappara, Gzira**.

Jirrizulta illi z-zewg vetturi waqfu biswit xulxin gewwa Triq Wied Kappara, Gzira. Il-vettura ta' Smith waqfet mal-bankina fil-waqt li dik misjuqa mill-imputat waqfet biswit taghha, izda ftit lura, fit-triq[18]. Kemm Smith kif ukoll l-imputat hargu mill-vetturi taghhom u nqala' diverbju bejniethom. Dan l-argument instema' minn Claudia Nicastro u mit-tieqa tar-residenza taghha gewwa Triq Wied il-Kappara, hija rat ukoll l-incident li nqala' sussegwentement, kif rawh ukoll Lidgia Farrugia Sammut u ommha Lidgia Sammut li dak il-hin kienu mexjin gewwa Triq Edgar Bernard kantuniera ma' Triq Wied Kappara.

Rigward dan l-incident, Stephen Smith xehed hekk:-

"*... it was at that point that I just heard shouting and a lot of aggression as I was getting out of the car and then I could see a man, heading towards me shouting and really, really in a fit of rage and he was holding a gun, it was at this point where I genuinely feared for my life and decided to leave the scene. ... I was convinced that he was going to shoot at me.*"[19]

[18] Xhieda Lidgia Farrugia Sammut, fol. 82.
[19] Fol. 63.

F'dan il-punt, jirrizulta li Smith fil-pront dahal fil-vettura tieghu u saq. Huwa fisser illi hekk kif kien ser idur il-kantuniera fuq il-lemin fit-tarf tat-triq biex idur gewwa Triq Edgar Bernard, sema' tir u b'kollox sema' zewg tiri, **l-ewwel wiehed ezatt qabel beda jdur lejn il-lemin u t-tieni wiehed hekk kif dar l-istess kantuniera**[20]. Qal illi ghalkemm ma kienx cert dak il-hin jekk il-karozza tieghu kienetx intlaqtet mit-tiri, kienet l-intenzjoni tieghu li jahrab mill-persuna li kellha l-arma. Kompla jispjega illi huwa pprosegwa gewwa Triq Edgar Bernard u fit-tarf ta' din it-triq, dar lejn ix-xellug u tela' biex mir-*roundabout* jaqbad ir-Regional Road. Huwa pproceda lejn il-mini ta' Santa Venera meta f'daqqa wahda l-vettura tieghu waqfet hesrem u ntefiet kompletament.

Smith qal ukoll li l-persuna li pponta l-arma lejh kienet qed izzomm l-arma bl-id il-leminija, izda cahad illi din il-persuna bl-arma identifikat ruhha mieghu bhala xi hadd in partikolari dak il-hin. Din il-persuna huwa gharafha bhala l-imputat, Paul Sheehan.

Il-verzjoni ta' Stephen Smith, talanqas fil-parti li tikkoncerna l-eventi li graw gewwa Triq Wied Kappara u Triq Edgar Bernard, Gzira, mhux talli baqghet ma gietx kontrastata,[21] talli giet pjenament ikkorroborata mix-xhieda ta' Lidgia Farrugia Sammut u ommha Lidgia Sammut, kif ukoll minn Claudia Nicastro, ilkoll xiehda okulari tal-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni. Kemm hu hekk, il-mekkanizmu tal-incident li zvolga minn meta l-imputat u Smith hargu mill-vetturi taghhom gewwa Triq Wied Kappara, sakemm iz-zewg vetturi telqu minn fuq il-post, jista' jinsilet b'mod skjett u preciz mit-testimonjanza tal-imsemmija xiehda okulari.

---

[20] Fol. 64.
[21] Ma sar ebda kontro-ezami ta' Stephen Smith.

**Lidgia Farrugia Sammut** xehdet[22] illi ghall-habta tat-8.30 p.m. kienet qieghda miexja bil-kelb flimkien ma' ommha u hekk kif kienu ghaddejjin minn Triq Edgar Bernard, sejrin lura d-dar, rat zewg vetturi u ghall-ewwel hasbet li kien hemm habta. Kif qorbot, **rat ragel fuq mobile phone b'arma tan-nar f'idu leminija** u dak il-hin, hija harget il-mobile phone taghha biex tibda tirrekordja dak li kien qed jigri. Dak il-hin, hija lemhet ragel sejjer lejn il-vettura tieghu u harab minn fuq ix-xena. Hi xehdet hekk:-

"*... I noticed a gentleman going to his car and he fled the scene, another guy, another gentleman with the gun started shouting* [*recte. shooting*] *at this vehicle and I was very shocked and then the gentleman with the gun went inside his vehicle and chased after the first vehicle...*"[23]

Ziedet tghid hekk, meta giet mistoqsija mill-Qorti biex tiddeskrivi x'rat meta l-ewwel vettura saqet minn fuq il-post:-

"***When he drive*** [*sic.*] ***off, the other gentlemen literally just took a step and he shot twice, one, two ... he then made a left turn, to that street****, I don't remember the name of the street, and then right after the gentleman who had shot, he walked towards his car and the GM 14 and he also took off and followed him.*" [enfasi tal-Qorti]

Ix-xhud fissret ukoll illi meta hija rat iz-zewg vetturi l-ewwel darba, dawn kienu weqfin biswit xulxin u l-ewwel ragel kien fuq il-bankina fuq in-naha tax-xufier tal-vettura tieghu, u kien qed imil idejh fuq is-saqaf tal-vettura tieghu. Din il-vettura kienet ftit 'il quddiem mill-vettura l-ohra. Ir-ragel bl-arma kien fin-nofs tat-triq u fi kliem ix-xhud:-

"*He was on his mobile and he was shouting, I had no idea what he was saying because I don't speak Maltese or understand so all I remember is that he was on his phone and he was swinging his gun on the floor* ***so I was like, you know, afraid to be honest but I remember he was very aggressive***." [enfasi tal-Qorti]

[22] 9 ta' Dicembru 2014.
[23] Ix-xhud gharfet lill-imputat bhala l-persuna li kellu l-arma f'idu u li kien saq wara l-vettura l-ohra.

Qalet ukoll illi meta semghet it-tiri rat illi **l-arma kienet ippuntata lejn il-vettura** izda ma setghetx tara liema parti mill-vettura kienet intlaqtet: "*I just know it was* ***straight towards the vehicle***".[24] [enfasi tal-Qorti]

Ix-xhud ziedet tghid illi **t-tiri gew sparati immedjatament wara xulxin** u hekk kif spara t-tiri, ir-ragel dahal fil-vettura tieghu u segwa lill-ewwel vettura li sadanittant kienet telqet minn fuq ix-xena. Spjegat ukoll illi hija bdiet tigbed filmat bil-*mobile* taghha meta rat illi kien hemm arma tan-nar. Ghalkemm ma rnexxilhiex tikkattura x-xena tal-isparatura minhabba li kienet qed izzomm il-kelb bic-cinga u dak il-hin beda jigbed, qalet li l-isparaturi jinstemghu fil-*video*.

In kontro-ezami, ix-xhud qalet li hija ma ratx il-kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi ssehh, u meta lahqithom il-vetturi kienu weqfin. Hi giet minn wara l-vetturi u lir-ragel li kien qed imil idejh fuq is-saqaf tal-vettura, hija setghet tarah biss minn spallejh 'il fuq. Fuq mistoqsija mid-difensur tal-parte civile, ix-xhud regghet ikkonfermat illi **dan ir-ragel ma kellu xejn f'idejh**.

**Lidgia Sammut**[25], da parti taghha, fissret illi meta lemhu z-zewg vetturi quddiemhom, wahda minnhom kienet ipparkjata biswit il-bankina u l-ohra magenbha ftit iktar lura. Qalet illi kif qorbu lejn il-vetturi, bintha qaltilha li wiehed mill-irgiel kellu arma u meta harset, hija rat illi **ragel minnhom kellu arma f'idu l-leminija u telephone fl-id l-ohra**. Hija rat illi r-ragel l-iehor kien barra l-karozza tieghu, imil fuqha filwaqt li r-ragel bl-arma kien qed ikellmu bil-Malti, kieni qed jargumentaw b'lehen gholi. F'daqqa u l-hin ir-ragel l-iehor dahal fil-karozza tieghu u telaq minn fuq il-post u fi kliemha stess:-

"*... the person who had a gun went in the middle of the street and because he was driving straight Edgar Bernard go he got the gun and shot two times. ... I was very*

[24] Quddiem l-espert il-Perit V. Schembri, nominat mill-Magistrat Inkwirenti, Lidgia Farrugia Sammut xehdet hekk fil-25 ta' Novembru 2014: "***He fired directly aiming at the car***" - ara fol. 816/817.

[25] Xhieda tad-9 ta' Diembru 2014.

*close to him. I saw the firing of the gun coming out. So when he shot the car, I went on my daughter because I think he got hit because the car slowed down, it slowed down a little bit so he made a turn.*"

Ix-xhud fissret ukoll illi hija fehmet li r-ragel li spara lejn il-karozza resaq lejn in-nofs tat-triq sabiex ikun jista' jimmira ghad-dritt lejn il-karozza l-ohra, fil-fatt hu spara darbtejn fuq xulxin "*It was one after the other, bum bum*" u immedjatament wara, mar fil-vettura tieghu u segwa lill-vettura l-ohra.

**Claudia Nicastro**[26] kienet qed tosserva dak li kien qed isehh minn gor-residenza taghha gewwa Triq Wied Kappara, li hija t-triq fejn kienet wieqfa l-vettura ta' Smith u fejn kien qed isir id-diverbju bejnu u bejn l-imputat. Din it-triq hija adjacenti ghal Triq Edgar Bernard kif jidher fil-pjanta Dok. D[27] imhejjija mill-espert tekniku il-Perit Valerio Schembri. Hi xehdet li mit-tieqa tal-apparatament taghha fit-tielet sular gewwa Triq Wied Kappara, rat illi fit-triq tahtha kien hemm zewg vetturi, wahda sewda u l-ohra bin-number plate barranija, u zewgt irgiel qed jargumentaw fin-nofs tat-triq. Qalet li f'hin minnhom wiehed qal lill-iehor "*ghalfejn ghandek dik l-arma f'idejk, tista' tnehhiha?*" u l-iehor wiegeb "*ghax ippruvjat thebb ghalija*" u mbaghad rathom jimxu u gew quddiem il-vetturi. Dak il-hin rat lir-ragel li kellu l-arma f'idejh icempel, u semghetu jghid bil-Malti "*ejjew hdejn il-pixxina*", filwaqt li l-iehor ta s-salt u fil-pront dahal fil-vettura u telaq. Hija semghet zewg tiri u **rat ir-ragel li kellu l-arma f'idu jispara ghad-dritt fin-nofs ta' Triq Edgar Bernard u dan meta kien quddiem il-karozza s-sewda**. Ix-xhud qalet ukoll illi dan ir-ragel imbaghad dahal jigri fil-karozza u telaq ghal wara l-vettura l-ohra. Qalet ukoll li "*... meta spara, l-iehor kien diga` telaq bil-karozza. ... meta nstemghu t-tiri, jiena l-karozza l-ohra diga` ma kontx rajtha ghax kienet daret jigifieri. Minn fejn kont jiena l-karozza ma dehritx iktar...*"

Ikkunsidrat;

[26] Xehdet fid-9 ta' Dicembru 2014.
[27] Fol. 763

Illi l-verzjoni moghtija mill-imsemmija tliet xiehda okulari, oltre li hija konsonanti mat-testimonjanza ta' Smith, hija sorretta ulterjorment mill-kontenut tal-filmat migbud minn Lidgia Farrugia Sammut, liema filmat jirrizulta li gie estratt mit-telefon cellulari taghha bhala parti mill-inkarigu moghti lill-espert Dr. Martin Bajada mill-Magistrat Inkwirenti[28]. **Il-Qorti rat dan il-filmat ripetutament** u **minn ezami ta' kull *frame* individwali tal-filmat**, imqieghed fl-isfond tax-xhieda ta' Stephen Smith u tax-xiehda okulari, hija kkostatat illi dan juri l-vettura ta' Stephen Smith wieqfa go Triq Wied Kappara. Sussegwentement - wara ftit sekondi li fihom ma jidher xejn mix-xena li kienet qed tizvolgi[29] - l-istess vettura tidher ghaddejja go Triq Edgar Bernard (direzzjoni ta' Sliema Road) fl-istess waqt li tinstema' l-isparatura ta' zewg tiri, wiehed wara l-iehor. Immedjatament wara, jidher l-imputat jigri lura fid-direzzjoni ta' Triq Wied Kappara fejn mill-provi, kif rajna, jirrizulta li kien hemm il-vettura tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll ir-*recording* tat-telefonata li ghamel l-imputat lill-Control Room fuq in-numru 112 fil-hin ta' 20:46[30], rat it-traskrizzjoni ta' din it-telefonata formanti parti mir-Rapport ta' Dr. Martin Bajada, u rat ukoll ix-xhieda ta' P.C 1223 Eman Grima li kien l-ufficjal li fid-19 ta' Novembru 2014 li kien wiegeb ghal din it-telefonata u tkellem mal-imputat. Mill-gabra tal-provi, jirrizulta li din it-telefonata saret mill-imputat fil-waqt li huwa kien jinsab bl-arma f'idejh fil-presenza ta' Stephen Smith gewwa Triq Wied Kappara u l-istess telefonata kienet ghadha ghaddejja fil-mument li Smith dahal fil-vettura tieghu u harab minn fuq il-post[31]. F'din it-telefonata, l-imputat talab li jintbaghtu ufficjali tar-Rapid Intervention Unit [RIU] fejn il-pixxina tal-Qroqq[32] u meta gie mistoqsi jghid ghalfejn kellu bzonn l-assistenza tal-RIU, huwa wiegeb li kien ix-xufier tal-

---

[28] Dok. MB3. F'dan ir-rapport, jinghad hekk:- "*Fis-26 ta' Novembru 2014 kien prezenti l-Ghassa tal-Pulizija ta' tas-Sliema fejn fil-presenza ta' Ligia Sammut sar download ta' video clip minn fuq ic-cellulari tal-istess Ligia Sammut.*"

[29] Skont ix-xhud, hi kienet qed izzomm ukoll ic-cinga tal-kelb u dak il-hin beda jigbed.

[30] Dok. MB2, formanti parti mir-rapport ta' Dr. Martin Bajada.

[31] Mill-provi jirrizulta li z-zewg vetturi gew intercettati ftit minuti wara mill-ufficjali tar-Rapid Intervention Unit taht il-mini fl-inhawi tal-Universita`.

[32] Dan il-kliem jirrizulta li semghetu Claudia Nicastro li xehdet illi semghet li-ragel li kellu t-telefon u l-arma fl-id l-ohra jghid: "*ejjew hdejn il-pixxina*".

Ministru u kienu ghadhom kif habtu fil-vettura tieghu. Madanakollu, meta l-ufficjal fil-Control Room infurmah li f'dak il-kaz l-RIU ma jintbaghatx fuq il-post u kellu jmur l-eqreb Ghassa tal-Pulizija biex jaghmel rapport, l-imputat jinstema' jghid li l-vettura l-ohra kienet ser tibqa' sejra u ma setax isegwiha ghax kellu l-Ministru mieghu. L-imputat jinstema' jghid hekk: "*... ha jsuqli, harabli. Sparajt fuqu. Harabli.*"

L-imsemmi xhud Eman Grima xehed hekk:- "*dak il-hin fuq il-linja smajt it-tir, dak il-hin kienu tnejn jew tlieta ma kontx cert dak il-hin u ghidtlu x'gara, qalli 'sparajtlu, qalli inti ma bghatthomlix u qalli jiena sparajt ... harabli, harabli, qalli qed insuq warajh.*"

Dawn it-tiri jinstemghu kjarament fir-*recording* tat-telefonata[33].

Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-imputat, fiz-zmien tal-incident li ta lok ghall-akkuzi in dizamina, kien membru attiv tal-Korp tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli bin-numru PC 533, u kien awtorizzat li jgorr arma Glock 17/19 waqt li jkun ghassa - dan permezz ta' awtorizzazzjoni li nghatat l-ahhar fit-3 ta' April 2012[34].

Huwa stabbilit ukoll li l-imputat, fil-hin tal-incident, kien liebes pajzan[35].

Jirrizulta wkoll ippruvat illi fil-hinijiet qabel li huwa habat mal-vettura tal-imputat kif ukoll sussegwentement, Stephen Smith kien ikkonsma alkohol f'ammont li huwa izjed mil-limitu preskritt[36]. It-test tan-nifs li sar fuq Smith cirka hames sighat wara l-akkadut, immarka rizultat ta' 109 micrograms, meta l-limitu legali huwa ta' 32 micrograms fin-nifs[37].

---

[33] Dok. MB2. Ir-rapport ta' Dr. Martin Bajada fih ukoll traskrizzjoni tal-istess telefonata li dwarha xehed P.C. 1233 Eman Grima, kif ukoll traskrizzjoni ta' telefonata ohra li saret lin-numru 112 mit-telefon cellulari tal-imputat fid-21:01, li fiha jintqal is-segwenti kliem mill-imputat: "*Ara ma tqumx, ara ma tqumx ghax fuqek nahlih!*"

[34] Fol. 158

[35] Ara fol. 324 u fol. 372.

[36] Kap. 65, Art. 15B *et seq*.

[37] Dr. Mario Scerri xehed illi hames sighat qabel il-livell ta' alkohol kellu jkun cirka id-doppju. "*Mhemmx dubju li kien iktar gholi minn dak permessibbli*" – fol. 646.

Mix-xhieda u r-rapport tal-Prokuratur Legali Mario Buttigieg, nominat bhala espert mill-Magistrat Inkwirenti, jirrizulta li l-hsarat subiti fil-vettura Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni AQZ-853 misjuqa mill-imputat, kienu jikkonsistu f'daqqiet u grif maz-zewg bibien naha tal-lemin, u hsara fil-mera. Il-hsarat fil-vettura ta' Smith, jikkonsistu *inter alia*, f'zewg toqob, wahda fuq it-*tailgate* u l-ohra fil-bumper ta' wara[38].

Mill-provi jirrizulta abbundantement, u huwa f'kull kaz inkontestat, illi l-vettura ta' Stephen Smith effettivament intlaqtet miz-zewg tiri li gew sparati mill-arma tal-imputat. L-esperti ballistici li gew nominati fl-Inkjesta Magisterjali kkostataw illi din l-vettura kellha zewg *entry holes*, wahda kienet fuq il-parti ta' fuq tal-bieba ta' wara (*tailgate*) u l-ohra fuq il-bumper ta' wara fuq in-naha tal-lemin tieghu.

Fir-rapport taghhom, l-esperti ballistici ghamlu s-segwenti kostatazzjonijiet:-

"*Hawn gie stabbilit li t-tir li laqat il-bieba ta' wara (Tail Gate) kien laqat il-bieba fuq il-pjanca fit-tarf ta' fuq, ezattament fuq il-frame tal-bieba li jigi fuq il-hgiega ta' wara fuq in-naha tax-xellug tal-vettura (meta wiehed ihares lejn il-karozza minn wara). Din it-toqba qed tigi msemmija ENTRY Hole A* ***u t-tir kien angolat 'l isfel u kellu direzzjoni dijagonali****. Fuq il-parti ta' gewwa tal-bieba kien hemm Exit Hole u Impact Mark fuq il-pjanca li tigi taht is-saqaf tal-karozza.*"[39] [enfasi tal-Qorti]

Iz-zewg balal li gew sparati effettivament instabu mill-esperti ballistici. Huma kkonfermaw ukoll illi filwaqt li ma nstabu ebda skratac fuq il-post fejn allegatament sehhew l-isparaturi, mill-ezamijiet li ghamlu rrizulta li z-zewg balal li nstabu fil-vettura ta' Smith gew sparati mill-arma tan-nar (Dok. CCC1) li giet elevata mill-espert Charlot Casha minn gol-vettura tal-imputat[40]. Din l-arma kienet instabet minn P.C 1359 Reuben Zammit fil-pussess tal-imputat u meta giet

[38] L-ispejjez tat-tiswija jammonataw ghas-somma ta' €885 – pagna 5 tar-Rapport Dok. MB1.
[39] Din l-*entry hole* kif ukoll il-balla li wehlet taht is-saqaf tal-vettura, jidhru car fir-ritratti bir-referenza FS 141830 – 14 CSJ EC 188 sa 199 fir-rapport ipprezentat minn PS 644 Evan Camilleri fis-16 ta' Marzu 2015.
[40] Vide xhieda Spettur Charlot Casha tas-16 ta' Marzu 2015.

elevata mill-pussess tieghu, instab li din kienet ikkargata u lesta biex jigi sparat tir iehor[41].

L-esperti ballistici kkonfermaw ukoll li l-balla sparata li laqtet il-bieba ta' wara (tailgate) tal-vettura (Dok. CCC3), kienet qieghda zzomm bejn l-istess bieba u s-saqaf tal-karozza ta' Smith, filwaqt li l-balla li laqtet il-bumper instabet gol-fuel pipe tal-vettura (Dok. CCC4).

Ikkunsidrat;

Kif rajna, l-esperti ballistici waslu ghall-konkluzjoni illi l-ewwel tir kien dak li laqat il-vettura fuq il-bumper (*entry hole* B) minn direzzjoni angolata ftit 'l isfel, u dan gie sparat waqt li l-vettura kienet ghadha fi Triq Edgar Bernard, filwaqt li t-tieni tir (*entry hole* A), laqat il-vettura fuq il-parti ta' fuq tal-bieba ta' wara, u dan kien **angolat 'l isfel u direzzjoni dijagonali, oltre li gie sparat meta l-vettura kienet qieghda ddur lejn triq fuq ix-xellug ta' Triq Edgar Bernard**. L-espert Brigadier Calleja xehed[42] ukoll illi fil-fehma tieghu, it-tiri gew sparati lejn il-vettura minn distanza ta' cirka 40 jew 30 metru jew inqas. L-esperti qalu wkoll illi l-angolaturi li rrizultaw fl-*entry holes* tal-balel jindikaw juru illi kien "... *hemm perijodu twil bejn l-ewwel tir u t-tieni tir*".

Izda hawnhekk il-Qorti tissenjala li ma tistax tikkondividi l-fehma tal-esperti ballistici, sija fir-rigward tas-sekwenza tat-tiri li laqtu lill-vettura ta' Smith, sija kwantu ghat-trapass ta' hin bejn iz-zewg tiri u lanqas kwantu ghad-distanza li kien hemm bejn l-imputat meta spara t-tiri, u l-vettura ta' Smith. Ghall-Qorti, li ghandha l-vantagg li rat il-filmat Dok. MB3, semghet ir-recordings tat-telefonati u qrat ukoll ix-xhieda tal-persuni li raw l-incident isehh, huwa evidenti li dawn il-konkluzjonijiet m'humiex sorretti mill-provi u jinsabu manifestament kontradetti mill-evidenza fl-atti. Konsegwentement, il-Qorti qieghda tezercita d-diskrezzjoni

[41] L-arma giet deskritta minnu bhala *semi-automatic*.

[42] Xhieda tas-16 ta' Ottubru 2017.

lilha moghtija mill-Artikolu 656 tal-Kap. 9, u billi m'hijiex perswaza bil-konkluzjonijiet tal-esperti mahturin minnha stess, qieghda tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet taghhom, u dan ghall-motivi hawn taht rapportati.

Kif gia` nghad, ma jirrizultax illi l-filmat Dok. MB3 kien a dispozizzjoni tal-esperti ballistici. Minn dan il-filmat, l-imputat jidher kjarament jipponta xi haga lejn vettura ta' lewn car u hekk kif din il-karozza titlaq minn pozizzjoni wieqfa, jinstemghu zewg tiri *in rapid succession*. Kif appena jinstemghu dawn iz-zewg tiri, il-filmat jerga' juri lill-imputat fin-nofs ta' Triq Edgar Bernard, ihares lejn in-naha ta' wara ta' vettura niezla gewwa l-istess triq, **liema vettura ghadha qrib hafna tal-istess imputat anke immedjatament wara t-tieni sparatura**. Effettivament, din il-vettura, li jirrizulta li hija ta' Smith, tidher fit-00.08 sekonda tal-filmat li hija vicin ferm tal-imputat minnufih wara li gew sparati z-zewg tiri. Huwa sinjfikanti wkoll illi biex telaq minn fuq il-post, Smith saq quddiem l-imputat[43], kif jidher fil-filmat.

Dan kollu jfisser illi meta gie sparat l-ewwel tir, kif ukoll meta gie sparat it-tieni tir, **kien hemm distanza ta' ferm inqas mill-inqas distanza msemmija mill-esperti ballistici, bejn l-imputat u l-vettura ta' Smith**[44]. Ghall-Qorti huwa wkoll ovvju illi l-vettura ta' Smith ma kienetx ghadha daret ma' ebda kantuniera fil-hin tal-isparaturi, **hlief mal-kanutinera bejn Triq Wied Kappara u Triq Edgar Bernard, proprju quddiem l-imputat innifsu**. B'zieda ma' dan, Claudia Nicastro u x-xiehda okulari l-ohra li xehdu quddiem il-Qorti kif ukoll fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali, xehdu b'mod univoku illi **z-zewg tiri gew sparati kif appena l-vettura ta' Smith ghaddiet quddiem l-imputat u daret fi Triq Edgar Bernard**.

[43] Dan jirrizulta wkoll mit-testimonjanza ta' Stephen Smith u ta' Claudia Nicastro.
[44] L-esperti ballistici kkonkludew illi meta giet sparata t-tieni tir il-vettura ta' Smith kienet qieghda ferm iktar 'il boghod minn 25 metri mill-imputat.

Mill-filmat huwa manifest ukoll illi - kuntrarjament ghal dak li xehdu l-esperti[45] izda konformement ma' dak li xehdu x-xiehda okulari - bejn iz-zewg tiri kien hemm trapass ta' *milliseconds* u zgur mhux ta' sekondi. Dawn it-tiri wara kollox jinstemghu kjarament fir-*recording* tat-telefonata li saret mill-imputat lill-Control Room fid-20:46[46]. Din l-evidenza, senjatament il-filmat, ixxejjen ukoll, ghalhekk, il-konkluzjoni tal-espert illi "… *it-tieni tir* [l-imputat] *lanqas seta' jara l-karozza kollha*".

Il-gabra tal-evidenza sija okulari u sija wkoll dik awdjo/viziva, tikkonvinci lill-Qorti illi l-ewwel tir sparat ma kienx dak li laqat il-bumper ta' wara kif ikkonkludew l-esperti ballistici, izda kien dak li laqat in-naha tax-xellug tal-bieba ta' wara (*tailgate*) tal-vettura ta' Smith. Il-Qorti qieset illi l-esperti kkostataw illi t-tir li laqat il-bieba ta' wara tal-vettura, gie sparat meta l-vettura kienet qieghda f'pozizzjoni angolata u kienet qieghda ddur lejn il-lemin ("*kif daret il-karozza ntlaqtet dak il-hin…*"). Effettivament, **meta gie sparat l-ewwel tir, il-vettura ta' Smith, li kienet ghada kif ghaddiet quddiem l-imputat, kienet qieghda ddur lejn il-lemin biex tidhol gewwa Triq E. Bernard mill-kantuniera ma' Triq Wied il-Kappara**, u dan kif jidher manifestament fil-filmat. Il-Qorti tosserva wkoll illi ma jirrizultax mill-provi li kien hemm xi waqt iehor meta l-vettura ta' Smith daret jew kellha ghalfejn iddur, lejn il-lemin, ghaliex mill-provi jirrizulta illi Smith saq it-tul kollu ta' Triq Edgar Bernard u dar lejn **ix-xellug** biss meta wasal fl-ahhar tat-triq biex jaqbad Sliema Road. Ghaldaqstant, jikkonsegwi illi kien proprju fil-mument meta l-vettura ta' Smith kienet qieghda ddur lejn il-lemin ghal go Triq Edgar Bernard, li gie sparat l-ewwel tir li laqat it-*tailgate* tal-vettura b'mod dijagonali.

Dan il-moviment tal-vettura ta' Smith fil-hin li gew sparati l-balel, huwa affermat minn Smith innifsu li fix-xhieda tieghu fisser illi hekk kif kien ser idur il-kantuniera fuq il-lemin fit-tarf tat-triq biex idur gewwa Triq Edgar Bernard, sema'

[45] Xhieda tas-16 ta' Ottubru 2017.
[46] *Recording* formanti parti minn Dok. MB2.

tir u b'kollox sema' zewg tiri. Claudia Nicastro, meta xehdet fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali[47], ukoll spjegat kif rat wiehed mill-irgiel involuti f'dan l-incident, jidhol jigri fil-vettura tieghu bit-targa barranija u jsuq bis-sahha fid-direzzjoni tal-lemin. Hija xehdet hekk:-

"*... meta ra dan, ix-xufier tal-vettura bit-targa GM min-nofs it-triq ghamel zewg passi 'l quddiem peress li kien resaq lura biex ghaddiet bis-*sahha *l-vettura bit-targa barranija, u spara zewg tiri fid-direzzjoni tal-vettura li harbet minn fuq il-post.*"

Dan kollu jwassal lill-Qorti temmen illi filwaqt li evidentement, it-tiri sparati ma kienux *warning shots*, bl-ewwel tir tieghu, l-imputat mhux biss spara *at very close range* izda spara f'mument meta l-vettura ta' Smith kienet f'angolatura li tikkombaccja perfettament mal-ispjegazzjoni tal-esperti ballisitici li "*kif daret il-karozza ntlaqtet dak il-hin…*". Kemm hu hekk, l-istess esperti fissru wkoll illi t-trajettorja ta' din il-balla kienet mix-xellug ghal-lemin[48]. Meta mbaghad gie sparat it-tieni tir, il-vettura kienet lahqet iddrittat biex b'hekk it-trajettorja tal-balla fl-*entry hole*, ma kienetx daqshekk angolata[49]. Dan kollu huwa evidenti mill-filmat Dok. MB3, u meta wiehed iqabbel dak li jinstema' fir-*recording* ta' din it-telefonata[50] mal-istess filmat, jirrizulta illi effettivament, it-tiri gew sparati kif appena il-vettura ta' Smith **tinstema' u tidher titlaq** minn fuq il-post.

Ghalkemm fix-xhieda tal-esperti ballistici u waqt it-trattazzjoni finali tad-difiza, sar accenn ghal xi dizlivell fit-triq li seta' wassal sabiex it-tieni tir laqat in-naha ta' fuq tal-vettura, vicin is-saqaf, il-Qorti tosserva illi mill-provi ma jirrizultax illi hemm xi dizlivell bejn iz-zewg toroq Triq Wied Kappara u Triq Edgar Bernard, jew xi dizlivell sinjifikanti fi Triq Edgar Bernard innifsu. Ghall-Qorti hu ovvju li l-esperti ballisitici, fil-konkluzjoni taghhom dwar l-elevazzjoni differenti fiz-zewg tiri, naqsu milli jikkunsidraw il-possibbilita` illi min spara seta' biddel il-mira biex

[47] Fol. 794.
[48] Ara xhieda tal-esperti 16 ta' Ottubru 2017.
[49] Fol. 470.
[50] Formanti parti minn Dok. MB2.

minn pozizzjoni iktar elevata, din tbaxxiet biex it-tieni tir ma regghex laqat is-saqaf izda l-bumper tal-vettura moventi.

**Difiza Legittima u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**

Id-difiza tal-imputat tikkontendi b'mod ewlieni illi l-imputat kien munit bis-setgha li taghtih il-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jagixxi bil-mod li effettivament agixxa, ghaliex huwa ufficjal tal-Pulizija[51] u fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, ghemilu u cioe` l-uzu ta' forza, kien gustifikabbli. Dan il-Qorti fehmitu ghaliex id-difiza ghamlet referenza ripetuta ghall-*empowerment* li suppost l-imputat kien munit bih bis-sahha tal-Kostituzzjoni ta' Malta nnifisha.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 33(2), telenka katergorikament id-derogi ghad-dritt ghall-hajja tal-persuna, billi tissanzjona l-uzu ta' forza, *inter alia*, fil-legittima difiza ta' persuna jew proprjeta` jew sabiex jigi effetwat l-arrest skont il-ligi jew evitat it-twettiq ta' reat kriminali:-

*(1)Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*
*(2) Mingħajr ħsara għal xi responsabbiltà għal ksur ta' xi liġi oħra dwar l-użu ta' forza f'dawk il-każijiet li huma hawnhekk iżjed 'il quddiem imsemmija, persuna ma għandhiex titqies li tkun ġiet ipprivata mill-ħajja tagħha bi ksur ta' dan l-artikolu jekk tmut b'riżultat tal-użu ta' forza daqs kemm tkun raġonevolment ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ -*
*(a) fid-difiża ta' xi persuna minn vjolenza jew fid-difiża ta' proprjetà;*
*(b) sabiex jiġi effetwat arrest skont il-liġi, jew tiġi evitata l-ħarba ta' persuna detenuta skont il-liġi;*
*(ċ) sabiex tiġi megħluba rewwixta, insurrezzjoni jew ammutinament; jew*
*(d) sabiex jiġi evitat l-egħmil minn dik il-persuna ta' reat kriminali …*

Inghad illi:-

[51] M'huwiex kontestat illi l-imputat fiz-zmien tal-fatti li taw lok ghall-akkuzi odjerni, kien ufficjal tal-Pulizija fil-grad ta' kuntistabbli.

"*It happens from time to time that charges of assault are made against officials and others who are entitled in virtue of their offices to exercise in certain circumstances physical force. I may cite as examples police officers, prison warders, asylum attendants, railway servants and ships' officers*."[52]

Dan bla dubju huwa minnu, izda dawn il-persuni ma jitqiesux li jkunu qed jagixxu illegalment jew ahjar, dolozament, diment illi l-forza uzata minnhom ma jeccedix dik il-forza li hija necessarja, per ezempju, biex iwettqu l-arrest ta' suspettat jew sabiex iwaqqfu jew jikkontjenu agir aggressiv. Skont il-ligi, ufficjal tal-Pulizija huwa munit b'setgha li jwettaq arrest ta' persuna jekk ikun hekk awtorizzat b'mandat jew bil-ligi u jekk ikun hekk mehtieg ukoll, l-ufficjal jista' juza forza ragjonevoli biex iwettaq dan l-arrest.

Il-Qorti rat l-atti u abbazi tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi, u tal-konkluzjonijiet li diga` waslet ghalihom, tqis illi fic-cirkostanzi, jekk l-imputat verament kellu suspett ragjonevoli li Smith kien qed jaghmel jew kien ghadu kif wettaq, xi delitt bhal per ezempju ir-reat taht l-Artikolu 15(1) jew l-Artikolu 15A tal-Kap. 65, jew l-Artikolu 328 tal-Kap. 9, id-dover tieghu bhala ufficjal tal-Pulizija kellu jkun li jaghti ordnijiet legittimi li jridu jigu obduti u, jekk kien hekk mehtieg, jipprocedi ghall-arrest ta' Smith. Wara kollox, din is-setgha ta' arrest u detenzjoni hija wahda li hija espressament koncessa lill-ufficjali tal-Pulizija u fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-imputat kien pjenament awtorizzat li juza din is-setgha skont l-Artikolu 355X tal-Kap. 9:-

**355X.** *(1) Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jarresta mingħajr mandat lil persuna li tkun fl-att ta' għemil jew* ***li tkun għadha kemm għamlet delitt punibbli bi priġunerija****, jew li jkollu suspett raġonevoli fiha li qegħda biex tagħmel jew li tkun għadha kif għamlet xi delitt.*

…

*(3)* ***Kull uffiċjal tal-Pulizija jista' wkoll jgħaddi biex jarresta lil xi persuna li xjentement, jew wara twissija xierqa, tostakolah jew ittellfu fl-esekuzzjoni ta' dmirijietu, jew ma tobdix l-ordnijiet leġittimi tiegħu****.*

[52] Brown v. Hilson, 1924 J.C. *per* Lords Sands.

*(4) Is-setgħat imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) għandhom ikunu biss eserċitati sakemm ikunu għalkollox meħtieġa għall-uffiċjal tal-Pulizija biex jieħu l-persuna arrestata f'Għassa tal-Pulizija u jikkonsenjaha lil uffiċjal superjuri mhux anqas mill-grad ta' surġent.* [enfasi tal-Qorti]

Izda minn dan kollu l-imputat mhux talli ma ghamel xejn, talli minflok, hedded lil Smith b'arma tan-nar. Ma jirrizultax li din il-wirja ta' forza kienet mehtiega fic-cirkostanzi, *multo magis* meta ma hemm ebda prova kwalsiasi illi l-imputat ipprova jarresta lil Smith u dan tal-ahhar irrezista l-arrest jew ma obdiex l-ordnijiet legittimi tieghu. Lanqas ma tressqet xi prova li tikkonvinci lill-Qorti, imqar fuq bazi ta' probabbilitajiet, li Smith agixxa b'xi ghemil li jinkwadra fis-subincizi (b) sa (e) tal-Artikolu 33(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jew li kien ser jikkommetti xi delitt kriminali li biex jitwaqqaf kien jehtieg li tigi sparata arma tan-nar.

Id-difiza ssostni illi l-intenzjoni tal-imputat meta spara lejn Smith, kienet li jwaqqfu u dan ghaliex kellu obbligu li jwaqqfu meta ra lil Smith fi stat ta' sokor, isuq bl-addocc u ta' perikolu ghalih innifsu u ghal haddiehor. Izda, il-Qorti tirribadixxi illi l-imputat ghalkemm kellu l-jedd bhala ufficjal tal-Pulizija li jordnalu biex jibqa' fuq il-post, u jekk ikun il-kaz, jipprocedi ghall-arrest ta' Smith, ma kellu ebda jedd u lanqas dmir illi jwaqqfu billi juza l-forza ta' sparaturi ta' arma tan-nar fil-konfront tieghu.

Tqis illi ufficjal tal-Pulizija li jigi rinfaccjat b'agir kriminali jew theddida ta' twettiq ta' delitt ma ghandu ebda *status* jew poteri specjali fil-ligi, hlief ghas-setghat elenkati fl-ewwel Titolu tat-Tieni Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali, fosthom is-setgha tal-arrest u detenzjoni u, jekk ikun il-kaz, il-garr fuq il-persuna tieghu waqt li qed iwettaq dmirijietu u skont it-termini tal-licenzja relattiva, ta' arma tan-nar biex din tintuza proporzjonalment mat-theddida li l-ufficjal jinsab rinfaccjat biha. Ghall-bqija, huwa jwiegeb lil-ligi kriminali bhal kull persuna ohra, inkluz il-ligi tad-difiza legittima.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi jirrizulta wkoll mill-istqarrija li huwa rrilaxxa fl-20 ta' Novembru 2014, li l-imputat jiddefendi l-ghemil tieghu bl-allegazzjoni illi meta nizel mill-vettura tieghu, Smith hebb ghalih bi flixkun tal-birra Heineken. Kif diga` deciz iktar qabel, il-Qorti sejra tiehu konjizzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet li gew rilaxxati mill-imputat waqt li kien qed jigi interrogat, limitatament in kwantu dak li jista' jitqies bhala difiza invokata mill-imputat. Id-difiza tal-flixkun giet sollevata wkoll mid-difiza waqt it-trattazzjoni u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidraha.

Hawnhekk in effetti, id-difiza tossolleva l-iskuzanti tal-legittima difiza.

In propositu, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Zachary Vella**[53] qalet hekk:-

"*... biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi* ***bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli*** *u/jew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f'persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti'*[54].

*Illi skont il-mibki* ***Professur Sir Anthony Mamo*** *sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha.*

……

*Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata u ta' daqstant periklu. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.*

[53] Deciza 3 ta' Mejju 2019.

[54] **Il-Pulizija vs Anthony Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' April 2009.

*Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi* ***'the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut****. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi 'if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi* ***l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha 'it could not be averted by other means****'.*

*In oltre fis-sentenza fl-ismijiet* ***Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa*** *il-Qorti stqarret ukoll illi: 'l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi: l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja?* ***Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja****. Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.*

*Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti fliet il-provi akkuratament u m'hijiex konvinta mill-verzjoni tal-imputat li Smith kellu flixkun f'idejh meta hareg mill-vettura tieghu gewwa Triq Wied Kappara. Mill-provi ma jirrizultax illi Smith kellu xi oggett f'idejh waqt li kien qed isir l-argoment verbali bejnu u bejn l-imputat, lanqas fil-waqt meta l-imputat kien qieghed jipponta lejh l-arma tan-nar. Mit-testimonjanza tax-xiehda okulari ma jirrizultax lanqas illi Smith hebb ghall-imputat b'xi mod. Effettivament, ix-xiehda okulari Lidgia Sammut kif ukoll Lidgia Farrugia Sammut, entrambi eskludew fit-testimonjanza taghhom illi Smith kellu xi haga f'idejh dak il-hin, u fissru li huma rawh fuq il-bankina, imil fuq il-vettura tieghu b'idejh fuq is-saqaf tal-vettura. Lidgia Farrugia Sammut, meta giet mistoqsija jekk il-persuna fl-ewwel vettura li ddeskriviet, li m'hijiex il-persuna li kellha l-arma f'idha, kellhiex xi haga f'idejha, wiegbet kategorikament fin-negattiv:-

*"No, not at all, he was just like this and I saw his hands because he was on the top of this vehicle."*

Il-fatt illi mill-provi jirrizulta li nstab flixkun tal-birra fil-vettura ta' Smith meta huwa gie intercettat taht il-mini u saret tfittxija fil-vettura tieghu mill-Ufficjali tal-Pulizija li wasslu l-ewwel fuq il-post, ma huwiex bizzejjed biex jaghti konfort lil din il-verzjoni tal-imputat. P.C. 159 Glenn Calleja xehed[55] illi dan il-flixkun tal-birra Heineken instab f'postu gewwa l-*cup holder* appozitu li hemm fil-*console* tal-vettura. Qal ukoll li dan il-flixkun ma kienx vojt u kien ghad fadal xi likwidu fih, filwaqt li kien hemm ukoll ammont ta' likwidu li kien jinxtamm li huwa birra, gewwa l-*cup holder* innifsu u fuq il-*console*[56].

Il-fatt illi dan il-flixkun kien ghad fih il-likwidu anke wara jidher li ammont ta' likwidu twaqqa' fil-*cup holder* ta' tahtu, ikompli jikkonvinci lill-Qorti illi anke jekk ghall-mument, wiehed kellu jaccetta li Smith hareg mill-vettura bil-flixkun f'idu, haga li hija kontradetta mill-provi, huwa inverosimili li dan il-flixkun seta' ntuza bhala arma[57].

Il-Qorti zzid tghid illi fi kwalsiasi kaz, ma hemm xejn fl-atti li juri illi Smith kien aggressiv, ghamel xi mossi jew qal xi kliem ta' theddid fil-konfront tal-imputat qabel l-imputat hareg l-arma tan-nar waqt l-argoment verbali li ssuccieda l-hsara li Smith ikkaguna involontarjament fil-vettura tieghu. Ghall-kuntrarju, il-provi juru illi kien proprju l-imputat innifsu li kien aggressiv, u illi Smith harab minn fuq il-post ghaliex kien bezghan minhabba l-arma tan-nar f'id l-imputat. Kif del resto kienu bezghana Lidgia Sammut Farrugia u ommha meta raw l-imputat jipponta l-arma lejn Smith, ghad mhux fid-direzzjoni taghhom.

---

[55] Xhieda ta' PC 159 Glenn Calleja, 6 ta' Frar 2015.
[56] P.C. 1214 qal li ma rax fliexken ohrajn fil-karozza ta' Smith.
[57] Dan il-flixkun ghalkemm jirrizulta mix-xhieda illi gie elevat mill-vettura ta' Smith, baqa' ma giex esebit fl-atti processwali.

Ikkunsidrat;

Applikat l-insenjament fuq rapportat ghall-fatti li jirrizultaw mill-provi, kif appena stabbiliti, il-Qorti tqis li ma hemm ebda hjiel ta' prova li l-imputat spara t-tiri mill-arma tan-nar fid-direzzjoni tal-vettura ta' Smith ghaliex kien rinfaccjat b'xi htiega attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu, wisq anqas xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli. Smith ma kkommetta l-ebda reat vjolenti u mill-assjem tal-provi u x-xhieda, ma jirrizultax li l-agir tieghu kien aggressiv jew seta' qajjem xi biza' fl-imputat ghal hajtu jew ghas-sigurta` personali tieghu. Inoltre, galadarba huwa ppruvat illi l-imputat spara wara illi Smith dahal fil-vettura tieghu u pprova jsuq minn fuq il-post, l-element tal-inevitabbilita` huwa kompletament mankanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva sabiex tikkonkludi li l-imputat ma kienx qed jagixxi b'legittima difiza meta spara l-arma tan-nar fid-direzzjoni tal-vettura ta' Smith waqt li huwa kien qed jipprova jahrab minnu[58]. Tirribadixxi wkoll illi ma tistax lanqas taqbel mad-difiza li l-imputat kien munit bis-setgha li jagixxi b'deroga mid-dritt fondamentali sancit fl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni meta spara din l-arma. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, l-imputat ma jistax jinheba wara l-Kostituzzjoni biex jiggustifika ghemilu fil-konfront ta' Smith.

Fil-kaz odjern, ghalhekk, id-decizjoni tal-imputat li johrog l-arma u jimmiraha mhux fl-arju jew lejn l-art, izda lejn il-vettura misjuqa minn Smith, kif ukoll id-decizjoni li jispara, kienet tieghu biss, liema decizjoni kienet dettata mhux minn xi jedd jew dmir kostituzzjonali. L-imputat irid jerfa' responsabbilita` legali shiha ghal dawn id-decizjonijiet u ghal kull wiehed mit-tiri li spara.

Il-fatt illi Smith seta' kien xurban u effettivament jirrizulta illi kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb u seta' kien qed isuq b'mod perikoluz, ma jibdel assolutament xejn minn dawn il-konsiderazzjonijiet.

---

[58] Hawnhekk irid jinghad ukoll li ghalkemm hu manifest li Smith kien qieghed jahrab, huwa ma kienx persuna detenuta fis-sens imfisser mis-subinciz (b) tal-imsemmi Artikolu 33(1) tal-Kostituzzjoni.

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Illi inizzjalment f'dawn il-proceduri, l-imputat kien qiegħed jiġi akkuzat bir-reat tat-tentattiv ta' omicidju; madanakollu fin-nota tar-rinviju għall-gudizzju, l-Avukat Generali jindika illi mill-provi mismugħa f'dina il-kawza tista' tinstab ħtija fil-konfront tal-imputat biss għar-reat tat-tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima kif previst fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tibda billi tosserva illi huwa pacifiku li sabiex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hija meħtiega l-intenzjoni generika li wieħed jagħmel ħsara. Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jagħmel ħsara, zgħira kemm hi zgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu jrid iwiegeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu."*

Fir-rigward izda, ta' tentattiv tar-reat tal-offiza volontarja, li bih l-imputat qed jiġi mixli fl-ewwel imputazzjoni, l-awtur Francesco Antolisei filwaqt li jirrikonoxxi illi l-guristi m'humiex kollha konkordi dwar jekk jistax jissussisti t-tentattiv ta' offiza gravi, jgħid hekk fir-rigward:-

*"Quanto al tentattivo, la nostra concezione porta ad ammettere che possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentattivo sia ipotizzabile, non è dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt' altro che infrequente nella pratica, dell' individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregarla, senza riuscire a colpirla nel viso."*[59]

[59] *Manuale di Diritto Penale*, Parte Speciale 1 Pagna 79 (9° edizione, 1986).

Dan l-insenjament gie affermat u applikat mill-Qrati taghna f'diversi sentenzi, fosthom mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa**[60] fejn, b'referenza ghal dak li jghid l-Antolisei in propositu, fissret illi:-

*"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati tal-Gustizja Kriminali taghna u cioe li jista jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew gravissima* ***purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew gravissima skond il-kaz****."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Huwa indiskuss illi hawnhekk si tratta ta' addebitu ta' tentattiv tad-delitt ta' offizi gravi jew gravissimi, stante illi ma jirrizultax illi bhala fatt, Stephen Smith, il-parti leza, effettivament soffra xi griehi ghaliex huwa ma ntlaqatx mit-tiri sparati mill-arma tan-nar.

Illi kif rajna, fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed, izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravissima, il-prosekuzzjoni jehtigilha tipprova lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Jinghad illi reati doluzi jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta u specifika, jew inkella l-intenzjoni pozittiva indiretta[61]. Ghalkemm l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi dezunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz mill-mod kif l-agent ikun igib ruhu, izda, fejn dawn ic-cirkostanzi ma jkunux univoci u jkun hemm id-dubju dettat mir-raguni dwar il-vera intenzjoni tal-imputat, dan id-dubju ghandu jmur favur l-istess imputat.

---

[60] [Superjuri]. Deciza fis-16 ta' Ottubru 2003.
[61] **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** – Qorti tal-Appell Kriminali, 23 ta' Jannar 2009.

Illi b'applikazzjoni tal-principji fuq esposti ghall-kaz in ezami, dak li ghandu jigi stabbilit huwa jekk l-imputat kellux l-intenzjoni diretta jew indiretta li jikkaguna xi wahda mill-konsegwenzi tal-offiza gravi skont kif imfissra fl-Artikolu 216 tal-Kap. 9, jew tal-offiza gravissima skont kif imfissra mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9, fuq il-persuna ta' Stephen Smith, u dan meta spara lejn il-vettura tieghu b'zewg tiri ta' arma tan-nar. Jekk kienx hemm din l-intenzjoni jew le, hija kwistjoni ta' fatt li ghandu jigi aggudikat mill-qorti billi tiehu kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, fosthom tan-natura tal-istrument uzat u tal-parti tal-gisem li lejha kien indirizzat dak l-istrument[62].

In tema, il-Blackstone jghid hekk:-

"*'Intention' is a word that is usually used in relation to consequences. A person clearly intends a consequence if he wants that consequence to follow from his action. This is so whether the consequence is very likely or very unlikely to result. Thus an accused who shoots at another wanting to kill him, intends to kill whether the intended victim is 2 metres away and an easy target or whether he is 200 metres away and it would have taken an exceptionally good shot to hit him. In either case, even if the accused misses, he will be liable for a crime requiring intention to kill, such as attempted murder.*"[63]

Mill-provi prodotti f'dan il-kaz, senjatament mit-testimonjanza tax-xiehda okulari u ta' Stephen Smith innifsu - liema testimonjanza l-Qorti ma tistax ma tosservax hija konkordi f'dawk li huma l-*iter* u l-fatti saljenti tal-isparatura u hija wkoll sorretta pjenament mir-rizultanzi tal-filmat migbud minn Lidgia Farrugia Sammut – jirrizulta manifestament illi l-imputat spara zewg tiri lejn il-vettura ta' Smith waqt li dan tal-ahhar kien qed jipprova jahrab minn fuq il-post, liema tiri attwalment laqtu l-vettura. F'kull kaz, dan m'huwiex kontestat mill-imputat[64]. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi gie ppruvat illi l-imputat kellu l-

[62] Ara fir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali [Inferjuri] fl-ismiijiet **Il-Pulizija vs Mariano sive Mario Camilleri**, deciza fit-8 ta' Frar 2002.
[63] *Blackstone's Criminal Practice* [2012].
[64] Vide verbal tal-udjenza tas-6 ta' Novembru 2015.

intenzjoni diretta u specifika illi jwettaq offiza ta' natura gravi jew gravissima fuq il-persuna ta' Stephen Smith.

Id-difiza tikkontendi illi ghad l-imputat verament spara dawn it-tiri, dan l-ghemil tieghu ma kienx akkumpanjat mill-*mens rea* mehtieg biex tinsab htija ghar-reat ta' tentattiv ta' offizi gravi jew gravissimi fuq il-persuna ta' Smith. Fil-fatt, l-imputat fl-istqarrija li rrilaxxa fl-20 ta' Novembru 2014, qal illi huwa fl-ebda hin ma ried jispara fid-direzzjoni ta' Smith u ta z-zewg tiri lejn it-*tyre* ta' wara tax-xellug[65], bil-hsieb li jwaqqaf lil Smith milli jahrab minn fuq il-post peress li kien fi stat ta' sokor u ta' perikolu ghalih innifsu u ghal terzi persuni. L-imputat jghid li huwa emmen li kien qed jagixxi legalment.

Diga` gie stabbilit illi l-imputat ma agixxiex legalment. B'zieda ma' dan, il-Qorti tqis li l-fatt innifsu li l-imputat spara zewg tiri ta' arma tan-nar, liema tiri ma jirrizultax li kienu semplicement *warning shots,* huwa diga` prova bizzejjed illi l-imputat kellu *de minimis*, l-intenzjoni generika illi jwegga'. Ghalhekk, qatt ma jista' jigi argumentat illi l-agir tal-imputat ma kienx isarraf f'wiehed li jikkaguna hsara, billi huwa indubitat illi generalment meta wiehed jispara arma tan-nar lejn oggett jew persuna, xi hsara necessarjament sejra tigi ikkagunata. Izda l-*vexata questio* li ghandha quddiema l-Qorti hija jekk bl-agir tieghu l-imputat agixxiex deliberatament bl-intenzjoni li jikkaguna offiza ta' natura **gravi jew gravissima** fuq Smith, liema reat izda ma sarx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.

Hawnhekk, il-Qorti tqis li huwa relevanti dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**[66]**:-**

---

[65] Fol. 53.

[66] Kif citata wkoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut**, deciza 23 ta' Jannar 2009. Ara wkoll: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sup.) fit-8 ta' Lulju 2004.

*"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland [W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978]:*

*""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[Para. 7.28, pp. 232-233.]*

*"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" [Para. 7.45, p. 241; "...negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight.]" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:-*

*""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it.*

*… … …*

*"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not*

*realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk. [Gerald Gordon, op. cit. para. 7.53, pp. 245-246.]*".

Illi ghalkemm il-ligi taghna ssegwi dik Kontinentali, il-Qorti tqis illi anke fil-ligi Kontinentali, **meta l-konsegwenzi ta' ghemil jitqiesu li jkunu probabbli, anke jekk mhux ukoll pozittivament deziderati, dawn jidhlu fid-definizzjoni tal-intenzjoni kriminali indeterminata**.

Kif ighid il-gurist Francesco Antolisei:-

*"… il dolo sussiste tutte le volte che il reo ha previsto che il suo comportamento avrebbe potuto determinare un pregudizio all'integrita` personale del paziente ed ha agito al fine o a costo di cagionarlo."*[67]

Imbaghad, skont il-Carrara:-

"*Se quando si omise di calcolare tutti gli effetti possibili del proprio atto si fosse preveduto (o come possibili o come probabili) che quello effetto ne potesse derivare, si avrebbe un dolo indeterminato, ma non piu` una colpa.*"[68]

Skont il-Blackstone[69]:- "'*Willfully', which has some similarities with 'malice' since it dates from an earlier legislative vocabulary should not be understood in its most obvious or literal sense of 'deliberately' or 'voluntarily'. It is now taken as a composite word to govern both intention and recklessness."*[70]

---

[67] Citat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Leonardo Balzan**, deciz 31 ta' Mejju 2017.
[68] Carrara, Programma, para. 81.
[69] *Blackstone's Criminal Practice* [2017] para A2.13, pagna 25.
[70] Ara **Il-Pulizija vs. Emmanuele Azzopardi** – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fil-21 ta' Gunju 2017.

Fir-rigward l-element partikolari ta' *recklessness,* l-istess Blackstone[71] jesponi s-segwenti formula biex jigi determinat jekk l-agent jistax jitqies li jkun agixxa b'intenzjoni mehtiega ghas-sejbien ta' htija fuq akkuza li kkaguna hsara kriminuza:-

"*A person acts recklessly . . . with respect to-*
*(i) a circumstance when he is aware of a risk that it exists or will exist;*
*(ii) a result when he is aware of a risk that it will occur;*
*and it is, in the circumstances known to him, unreasonable to take the risk*."

Imbaghad jghid ukoll[72]:-

"*In the context of alleged criminal offences there will often be no plausible justification for running the risk (e.g., of wounding someone) and so often the foresight of any degree of risk, of the mere possibility of injury, may be sufficient. The greater the justification for running a risk, the higher the degree of foreseen risk which will be required to constitute recklessness.*

Applikat dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina, il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar din il-materja, tqis illi **l-imputat, meta spara z-zewg tiri lejn il-vettura ta' Smith, bla dubju seta' jew messu jipprevedi, minghajr wisq hsieb jew diffikolta`, illi tali agir kien ser jikkawza xi forma ta' offizi gravi. Tqis ukoll illi dan l-agir ma kienx gustifikat fic-cirkostanzi tal-kaz**, u dan kif diga` ampjament stabbilit. Dan premess, il-Qorti ma tistax taccetta d-difiza li meta l-imputat spara t-tiri lejn il-vettura ta' Smith, huwa la ried u lanqas seta jipprevedi l-event dannuz konsistenti f'offizi gravi fuq il-persuna ta' Smith u li l-intenzjoni tieghu kienet unikament illi jwaqqfu.

Il-fatt wahdu li l-imputat spara tiri ta' arma tan-nar lejn il-vettura ta' Smith - mhux *warning shots* fl-arja jew tiri mmirati fil-baxx mahsuba biex jipparalizzaw lill-vettura, izda tiri mmirati fid-direzzjoni generali tal-vettura proprju waqt li din kienet ghaddejja quddiemu – ifisser li l-imputat agixxa deliberatament u fl-ghemil

[71] *Blackstone's Criminal Practice* [2012], B8.3, pagna 543.
[72] P. 270 (A2.4).

tieghu wera *recklessness* ta' kalibru li moralment jikkonvinci lill-Qorti li l-imputat kien ifforma intenzjoni pozittiva indiretta li jikkaguna offizi ta' natura gravi lill-persuna li kien qed isuq dik il-vettura.

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni fil-kaz in ezami, il-Qorti hadet qies ukoll ta' diversi konsiderazzjonijiet li juru b'mod univoku l-element manifest ta' *recklessness* fl-azzjonijiet tal-imputat, fosthom:-

- Kif xehdu x-xiehda okulari, l-arma kienet ippuntata direttament lejn il-vettura, u z-zewg tiri gew sparati fuq xulxin[73].

- L-ewwel tir gie sparat f'mument meta l-vettura ta' Smith kienet ferm qrib tal-imputat u huwa ppruvat ukoll t-tir kien angolat 'l isfel, bil-balla tolqot it-*tailgate* (bieba ta' wara) tal-vettura fuq in-naha tax-xellug, b'mod dijagonali mix-xellug ghal-lemin. Dan kollu huwa sinjifikanti ghaliex ifisser illi meta gie sparat l-ewwel tir, kif ukoll meta gie sparat it-tieni tir li laqat il-bagoll ta' wara, l-arma kienet ippuntata at *close range* lejn il-vettura[74] li fiha kien hemm ix-xufier, Smith, li dak il-hin kien qed jipprova jahrab mill-imputat[75].

- B'zieda ma' dan, hemm l-istrument ossia arma tan-nar li ntuza fil-kommissjoni tar-reat, li huwa bla dubju kapaci li jikkaguna ferita ta' natura gravissima.

- Fl-ewwel telefonata li ghamel l-imputat lill-Control Room[76] huwa jinstema' jghid "*sparajt* ***fuqu***", u sussegwentement jinstema' jghid ukoll "*Ibghatli ghax* ***ha nibqa' ntih it-tiri*** *sakemm tigu*". Imbaghad fit-tieni telefonata lill-112, l-imputat jinstema' jghid "*Ara ma tqumx! Ara ma tqumx ghax* ***fuqek nahlih … Sparajt fuqu jien diga***'". [enfasi tal-Qorti]

---

[73] Iz-zewg tiri gew sparati kwazi immedjatament – fol 472.

[74] Dan jidher ukoll f'wiehed mill-*frames* tal-filmat Dok. MB3.
[75] Din il-balla mbaghad spiccat wehlet bejn il-bieba ta' wara u l-s-saqaf tal-vettura ta' Smith.
[76] Telefonata li saret fid-20:46 u ohra li saret fid-20:52 – Dok. MB2

- Jirrizulta mill-provi li filwaqt li l-imputat kien qed izomm l-arma fl-id il-leminija tieghu, kien qieghed bit-telefon cellulari f'idu l-ohra jitkellem mal-Control Room, fejn jinstema' jghid li l-persuna l-ohra qieghda tahrablu, u jinstemghu sahanistra z-zewg tiri dak il-hin fir-*recording* tat-telefonata[77]. Ghall-Qorti, il-korollarju inevitabbli ta' din is-sekwenza ta' eventi huwa li l-arma kienet ikkargata u kwindi **lesta biex tigi sparata anke qabel Smith dahal fil-vettura tieghu u harab**. Huwa sinjifikanti wkoll li ebda wahda mix-xiehda okulari li raw id-dinamika tal-incident u l-mekkanizmu tal-isparaturi, ma xehdu li raw l-imputat jikkarga l-arma jew semghu l-arma tigi kkargata[78].

- Il-konkluzjoni tal-Qorti illi l-imputat agixxa, meta spara lejn il-vettura ta' Smith, biex jikkagunalu offizi gravissimi fuq il-persuna tieghu, tinsab rinforzata ulterjorment mill-fatt illi mill-provi jirrizulta illi effettivament, **ix-xufier tal-vettura li spara fuqha l-imputat, <u>seta' jintlaqat</u> mit-tiri sparati mill-imputat**. Fuq domanda specifika tal-Qorti jekk setax jintlaqat ix-xufier tal-vettura mit-tiri tal-arma tan-nar sparata mill-imputat, l-esperti ballisitici - anke jekk erronjament assumew illi l-vettura kienet ferm iktar 'il boghod milli jirrizulta li effettivament kienet meta gew sparati t-tiri - wiegbu hekk:-

  "*Ovjament seta' jintlaqat, pero` minn fejn gie sparat it-tir ghad-direzzjoni tal-karozza bil-fors il-bullet li kieku ppenetrat bil-fors trid tghaddi talanqas mill-hgiega ta' wara*".

  Fl-istess hin, l-istess esperti affermaw illi l-hgieg ftit ikollu effett fuq it-trajettorja tal-bullet f'distanza qasira bejn l-isparatura u t-target. L-espert Brigadier Calleja

---

[77] Dok. MB2.

[78] Rigward l-arma, P.C 1359 xehed hekk:- *"Ma kienetx safe. In fatti tant ma kienetx safe l-arma li harget balla minn go fiha, harget bullit minn go fiha l-arma jigifieri kienet qieghda kkokjata jigifieri telghet bullet mill-magazine il-ghaliex kienu diga` sehhu xi tiri, telghet bullet ready to fire kienet l-arma. Kienet bit-trigger ready to fire u kif ghidt tajtu l-arma lura lis-Sur Paul Sheehan u qieghdtlu l-magazine"* – fol. 386.

ikkonferma wkoll illi **l-balla li laqtet il-vettura fuq it-tailgate naha tax-xellug u direzzjoni daqsxejn 'l isfel, setghet tolqot lix-xufier**[79].

- L-istess espert, meta mistoqsi mill-Qorti jekk it-tip ta' arma uzata mill-imputat setghetx minn distanza ta' tletin, erbghin jew sebghin metru 'l boghod, tikkaguna xi hsara jekk persuna tintlaqat mill-balla, xehed hekk[80]:-

"*Jekk tintlaqat persuna anka minn distanza ta' erbghin metru tista' tikkagunalha l-mewt pero` f'dan il-kaz peress li laqtet hadid ... is-sahha tal-bullet naqset hafna. Fil-fatt ma ppenetrax ghal kollox.*"

Madanakollu, l-espert afferma illi anke f'dawn ic-cirkostanzi, jekk il-balla laqtet persuna f'organu vitali ta' gisimha, dan jista' jkun fatali. Stabbilit illi kien l-ewwel tir li giet sparat mill-imputat li laqat it-tailgate, u stabbilit ukoll li dan it-tir gie sparat minn distanza ferm u ferm inqas mill-erbghin metru li semma' l-espert ballistiku, il-Qorti hija konvinta li kieku l-balla ma sabitx l-intern tal-pilastru tat-tailgate u waqfet hemm, kienet tibqa' tippenetra fil-vettura mix-xellug fi trajettorja dijagonali fid-direzzjoni tax-xufier[81] b'sahha bizzejjed biex tikkagunalu, *de minimis*, griehi ta' natura gravissima kif prospettata fl-Artikolu 218 tal-Kap. 9[82].

**Minn dan kollu, huwa evidenti illi l-ghemil tal-imputat, kif fuq imfisser, jimmanifesta element car ta' *recklessness*, liema element fil-fehma tal-Qorti sawwar fl-imputat, fil-mument li spara t-tiri, l-intenzjoni pozittiva indiretta li jikkaguna offiza gravissima fuq il-persuna ta' Stephen Smith.** Huwa evidenti li l-imputat ghalaq ghajnejh b'mod assolut ghar-riskju tal-konsegwenzi tal-

---

[79] Qal, izda, li l-balla li laqtet il-bumper ta' wara tal-vettura ma kienet tolqot xejn zgur.

[80] Dan qalha b'mod generali u mhux ibbazat fuq kalkolu xjentifku.

[81] Il-vettura ta' Smith hija *right-hand drive*, kif jirrizulta mir-ritratti ref. FS 141830 – 14 CSJ EC 203 and 204, 205 u 207.

[82] 218: - *L-offiza hija gravi jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż; … (2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

azzjonijiet tieghu, anke ghaliex fil-fehma tal-Qorti, ma huwa xejn verosimili mill-gabra tac-cirkostanzi fuq elenkati, li l-imputat ried semplicement iwaqqaf lil Smith u li ma setax jipprevedi li jwegghu gravi bl-isparatura tat-tiri mill-arma tan-nar lejn il-vettura tieghu.

Fir-rigward, huwa relevanti wkoll dak li jghid il-Professur Mamo in materja tal-agir tal-persuna akkuzata meta wiehed jigi biex jiddetermina l-intenzjoni li jigu kkawzati griehi fuq il-vittma:-

"*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to* ***the means used by the offender and his mode of action one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned****. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply- in dubio pro reo'"*. [enfasi tal-Qorti]

Fortunatament fil-kaz in dizamina ma sehhet l-ebda offiza minhabba kawza accidentali indipendenti minn din il-volonta` tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi effettivament, in materja ta' tentattiv ta' delitt, il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju kwalsiasi illi t-tliet elementi essenzjali biex flimkien isawru tentattiv ta' reat kriminali, inkluz ghalhekk tentattiv ta' offiza gravi fuq il-persuna, gew debitament ippruvati. Dan meta jirrizulta li l-imputat effettivament spara t-tiri minn arma tan-nar immirata lejn il-vettura misjuqa minn Smith, bil-balla tal-ewwel tir, ghad li ppenetrat l-istess bieba tal-vettura, wehlet bejn il-bieba u s-saqaf tal-vettura minn gewwa.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-balla sabet l-intern tal-pilastru tat-tailgate u wehlet bejn il-bieba u s-saqaf tal-vettura, jikkostitwixxi proprju l-haga accidentali u

indipendenti mill-volonta` tal-imputat, li minhabba fiha d-delitt konsmat ma giex esegwit a tenur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Hawnhekk il-Qorti thoss li anke jekk ma jirrizultax li d-difiza sollevat b'mod specifiku l-attenwanti tal-provokazzjoni, ghall-fini tal-kompletezza ghandha tindirizza r-rizultanzi tal-provi illi juru illi l-imputat seta' kien, fil-hin ta' dan l-incident, irrabjat u taht agitazzjoni sinjifikanti. Dan jirrizulta mix-xhieda ta' Lidgia Farrugia Sammut, izda l-Qorti hadet qies ukoll ta' dak li xehed P.C. 1359, li kien l-ewwel li wasal taht il-mini[83] u kien staqsa lill-imputat ghall-arma. B'referenza ghall-imputat, qal:-

"*… ma kienx qieghed f'pozizzjoni tajba.*"

Qal ukoll li huwa ma hassx illi huwa, il-kollega tieghu u n-nies taht il-mina kienu *safe*:-

"*.. deher car li kellu xokk fuqu u nimmagina li* ***kellu ammont kbir ta' adrenalina***" [enfasi tal-Qorti]

L-attenwanti tal-provokazzjoni f'reat ta' offiza volontarja, huwa kontemplat mill-Artikolu 230 tal-Kap. 9, li jipprovdi:-

***230.*** *L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli –*
…
*(b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ); ….*

L-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-omicidju volontarju[84] hu skuzabbli:-

[83] Akkumpanjat mill-kollega tieghu P.C. 159 Glenn Calleja.

[84] B'applikazzjoni tal-Artikolu 230, dan japplika wkoll ghall-offiza volontarja.

"*… meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*
*…*
*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Huwa pacifiku li, diversament mil-legittima difiza, il-beneficcju ta' dan l-attenwanti jinghata biss meta l-provokazzjoni ossia l-att provokatorju jkun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt. Skond il-Professur Mamo[85] il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju.

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**, gie deciz:-

"*Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto" (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).*"

[85] Vol. 2, pagna 260 *et seq*.

Illi ghalhekk, jirrizulta li hemm zewg elementi li jsawru dan l-iskuzanti u cioe` fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina, jirrizulta li l-imputat kien evidentement irrabjat ghall-agir irresponsabbli ta' Smith u ghall-hsara involontarja li giet ikkagonata lill-vettura tal-Ministru, kif ukoll ghall-fatt illi minflok waqaf, baqa' sejjer minn fuq il-post. Izda, ghad li l-hsara involontarja kkagunata fil-vettura tal-imputat u l-fatt li Smith, li kien jidher li hu xurban, baqa' sejjer u kellu jitwaqqaf mill-imputat, jistghu jitqiesu bhala provokazzjoni ingusta, id-difiza kellha turi wkoll, imqar fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, illi din il-provokazzjoni kienet tali li tohloq f'nies ta' temperament ordinarju agitazzjoni tal-mohh tax-xorta li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt.

Il-Qorti wara li rat l-atti, ma jidhrilix illi f'dana il-kaz l-agir ta' Smith kien tali illi seta' jiskaturixxi rejazzjoni ta' telf ta' kontroll f'bniedem ta' temperament ordinarju li jwassal biex dak li jkun ma jqisx il-konsegwenzi ta' sparaturi minn arma tan-nar lejn il-vettura ta' Smith. Barra minn hekk, huwa wkoll manifest illi t-tiri mill-arma tan-nar zgur li ma gewx sparati mill-imputat fil-waqt tal-provokazzjoni appena deskritta, izda **wara** meta Smith kien qieghed jahrab minn fuq il-post.

Relevanti in propositu, huwa dak li jghid il-Blackstone:-

*"... a jury will not be sympathetic to a claim that an appellant, acting in bad temper or for some other unattractive motive, did not appreciate an obvious risk and will conclude that he was in fact aware of it. Furthermore, Lord Bingham in G seemed quite happy (at [14]) with the approach in Parker [1977] 1 WLR 600 whereby, when a defendant is fully aware of all the circumstances, including the*

*degree of force he is using, closing one's mind to an obvious risk is regarded as equivalent to conscious awareness of the risk and:*
*...*
*... a man certainly cannot escape the consequences of his action in this particular set of circumstances by saying, 'I never directed my mind to the obvious consequences because I was in a self-induced state of temper.' (Geoffrey Lane LJ in Parker [1977] 1 WLR 600 at 604.)"*[86]

Ghaldaqstant, l-attenwanti tal-provokazzjoni ma tistax tigi applikata f'dan il-kaz.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Hawnhekk l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju addebita lill-imputat ir-reat taht l-Artikolu 251(3), bl-aggravanti prospettat fl-Artikolu 251H tal-Kodici Kriminali[87].

L-Artikolu 251(3) jipprovdi hekk:-

**251(3)** *Kull min jikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn:*

*Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa b'grad wieħed jew tnejn.*

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hawnhekk l-Avukat Generali m'huwiex qieghed jaddebita lill-imputat ir-reat taht l-Artikolu 251B li tipprospetta bhala element kostituttiv tieghu, imgieba ripetuta konsistenti f'*a course of conduct*. Fil-kaz tar-reat addebitat lill-imputat taht l-Artikolu 251(3), jehtieg biss li jkun hemm att materjali konsistenti f'manifestazzjoni ta' theddid ta' vjolenza li tkun

---

[86] P. 270 (A2.4).

[87] **251H.** *Il-piena għad-delitti msemmijin fl-artikoli 251 sa 251G, it-tnejn inklużi, għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:- …(g) id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma.*

effettivament ikkagunat lis-soggett passiv tar-reat jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew tal-persuni elenkati. Diversament mir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 li jirrikjedi kondotta jew imgieba ripetuta intiza li tqanqal biza' f'kull wahda mill-okkazzjonijiet li din l-imgieba ssehh, din il-kondotta ripetuta mhijiex fost l-element tar-reat addebitat lill-imputat. Izda f'kull kaz irid jigi ppruvat illi l-imputat kellu l-*mens rea* li jikkaguna biza' fis-soggett passiv li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna jew il-proprjeta` tieghu: il-ligi ma tiddefinixxix u lanqas tillimita l-mezzi li bihom tigi kkagunata l-biza' ta' vjolenza. Ghalkemm il-prova rikjesta hija ta' stat ta' emozzjoni soggettiva, din tista' tigi dezunta wkoll oggettivament mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Dan ifisser illi fil-kaz in dizamina hija bizzejjed il-prova fil-grad li tehtieg il-ligi, li l-imputat f'okkazzjoni wahdanija b'kull mezz li jkun - basta jintwera li agixxa deliberatament u bl-intenzjoni li jikkaguna il-biza' rikjesta - wettaq att materjali li qanqal biza' f'Stephen Smith li ser tintuza' vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu. Jehtieg izda, li l-Qorti tkun moralment konvinta illi Stephen Smith effettivament beza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu.

Il-Qorti wara li hadet qies tal-fatti ppruvati, kif ukoll tal-fatt illi l-imputat qed jinstab hati ta' attentat ta' offizi ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Stephen Smith, hija sodisfatta li l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat, jinsabu ppruvati. Hija konvinta moralment illi l-fatt li l-imputat hareg arma tan-nar waqt l-argoment li kellu ma' Smith, fejn jirrizulta li l-imputat kien qieghed ukoll jagixxi b'mod aggressiv fil-konfront tieghu[88], holoq allarm fi Smith u biza' ghas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tieghu. Kemm hu hekk, Smith innifsu xehed hekk fir-rigward:-

[88] Ara b'mod partikolari t-testimonjanza ta' Stephen Smith, u ta' Lidgia Sammut Farrugia.

"*... he was holding a gun, it was at this point where I genuinely feared for my life and decided to leave the scene. ... I was convinced that he was going to shoot at me.*"

It-testimonjanza ta' Smith effettivament baqghet ma gietx kontradetta u ma ntwera l-ebda raguni l-ghala l-Qorti ma ghandhiex temmnu, *multo magis* meta l-verzjoni tieghu tal-fatti tal-kaz tinsab sorretta pjenament mit-testimonjanza tax-xhieda okulari u mill-filmat esebit fl-atti. Inoltre, kif gia` gie osservat, il-Qorti ma hija xejn konvinta illi l-imputat hareg l-arma tan-nar ghaliex ma kellux ghazla, jew biex iwaqqaf xi manifestazzjoni ta' theddid jew mossi ostili da parti ta' Smith ghaliex in effetti, ma giex ippruvat, lanqas fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, illi Smith agixxa b'mod ostili fil-konfront tal-imputat. F'dan il-kaz, il-Qorti temmen li l-wirja esagerata ta' awtorita` da parti tal-imputat meta hareg l-arma tan-nar, kienet mahsuba biex tqanqal biza' fi Smith. Ma fih ebda sens l-argument illi l-imputat ma kellux ghazla jew alternattiva hlief li jispara fuq il-vettura ta' Smith ghaliex huwa harab minn fuq il-post, meta huwa ovvju li Smith harab minhabba l-biza' mill-arma f'idejn l-imputat. Din il-biza' li l-imputat qanqal fi Smith giet manifestata esternament meta Smith fil-pront dahal fil-vettura u pprova jahrab minn fuq il-post ghaliex fi kliemu, beza' ghal hajtu.

Id-difiza issottomettiet illi l-verzjoni ta' Smith li beza' mill-arma tan-nar m'hijiex attendibbli ghaliex mix-xhieda ta' Claudia Nicastro ghandu jirrizulta illi Smith dahal fil-vettura tieghu u harab mill-post, proprju fil-mument li l-imputat instema' jcempel ghall-assistenza tal-Pulizija u jghid il-kliem "*ejjew fejn il-pixxina*". Id-difiza targomenta illi dan juri li Smith beza' mhux mill-arma izda mill-Pulizija u dan ghaliex huwa kien intossikat u kien qed isuq b'livell eccessiv ta' alkohol fis-sistema tieghu.

Izda l-Qorti ma tqisx li ghandha torbot il-waqt li Smith dahal fil-vettura tieghu fil-pront u harab, mal-waqt li l-imputat jinstema' jitlob ghall-assistenza tal-Pulizija. Huwa ferm iktar verosimili l-ipotesi illi Smith kien iktar imwerwer mill-arma ppuntata lejh milli mill-intervent jew il-prezenza tal-Pulizija, specjalment jekk,

skont kif sostniet id-difiza, l-imputat kien gharrfu mill-bidu nett li huwa kien ufficjal tal-Pulizija. Huwa fatt stabbilit illi Smith kien imwerwer meta ra li l-imputat kellu f'idu arma tan-nar, tant illi l-istess xhud Claudia Nicastro semghet lil Smith jistaqsi lill-persuna l-ohra ghaliex kellu arma tan-nar f'idu.

Ghall-finijiet tal-ahhar parti tas-subinciz (3) tal-Artikolu 251, il-Qorti tqis illi huwa ppruvat ukoll illi l-imputat fil-kaz in dizamina, lahaq il-mira tieghu ghaliex huwa effettivament uza vjolenza kontra Smith u kontra l-proprjeta` tieghu. Galadarba huwa ppruvat illi kif appena Smith harab minn fuq il-post bil-vettura tieghu, l-imputat attwalment spara zewg tiri mill-arma tan-nar li kellu f'idu, u laqat il-vettura ta' Smith bil-hsieb li jikkaguna offizi ta' natura gravissima fuq il-persuna tieghu, huwa ovvju li l-imputat ghamel proprju dak li gieghel lil Smith jibza' li ser jaghmel, cioe` juza l-arma biex jispara fuqu.

Ghaldaqstant, l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat taht l-Artikolu 251(3) u 251H(g) tal-Kap. 9.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

Illi dan kollu premess, il-Qorti tqis illi l-konsiderazzjonijiet kollha li saru riferibbilment ghall-ewwel imputazzjoni u li wasslu lill-Qorti ghad-decizjoni taghha illi l-imputat, fil-mument meta spara z-zewg tiri mill-arma tan-nar lejn il-vettura ta' Stephen Smith, agixxa bl-intenzjoni pozittiva indiretta li jwettaq offizi ta' natura gravissima fuq il-persuna tieghu, japplikaw *mutatis mutandis* ghad-determinazzjoni tal-htija ghat-tielet imputazzjoni.

Dan ghaliex huwa ppruvat illi ghat-twettiq tar-reat ta' attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Smith b'zewg tiri minn arma tan-nar, l-imputat laqat il-vettura ta' Smith u kkaguna fl-istess vettura hsara, allura volontarja, ammontanti ghas-somma

ta' €855 kif imfisser fir-rapport tal-espert Mario Buttigieg[89]. B'hekk l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat prospettat fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 ghad li dan ir-reat evidentement serva bhala mezz ghall-attentat twettiq tar-reat taht l-Artikolu 218.

**Ir-Raba' Imputazzjoni**

L-imputat gie mixli bir-reat taht l-Artikolu 55 tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480). Dan jipprovdi:-

**55.** *Salv kull dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -*
*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt,*
*ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta'priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin,* ***kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu****.* [enfasi tal-Qorti]

L-Artikolu 2 tal-Att jiddefinixxi "*arma tan-nar*" bhala kwalunkwe arma bil-kanna li tista' tinġarr, li tispara, li hija mfassla biex tispara jew li tista' tiġi konvertita biex tispara tir, balla jew projettili permezz tal-azzjoni ta'propellant kombustibbli, sakemm ma tkunx taqa' taħt l-Iskeda III, partiti 1, 3 jew 4. Imbaghad, "*arma tan-nar semi-awtomatika*" hija definita bhala arma tan-nar li terġa tikkarga awtomatikament kull meta tispara tir u li tista' tispara biss tir wieħed meta jinġibed il-grillu għal darba.

M'huwiex kontestat illi l-imputat kien qed igorr arma tan-nar u illi spara zewg tiri minnha. Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-arma tan-nar hija tal-ghamla Glock, u hija

[89] Dok. MB1.

*semi-automatic*. Ghaldaqstant filwaqt li huwa indiskuss illi ghal dan il-kaz isibu riskontru d-dispozizzjonjiet tal-Artikolu 55 tal-Kap. 480 (galadarba l-imputat kellu fuqu arma tan-nar fil-waqt li kkommetta reat volontarju kontra l-persuna u ħsara fil-proprjeta`), jehtieg li jigi determinat jekk l-imputat kienx qed igorr l-arma tan-nar in kwistjoni ghal motiv legittimu waqt il-kummissjoni ta' dawn id-delitti.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi persuna huwa ufficjal tal-forzi tal-ordni jew altrimenti awtorizzat igorr arma tan-nar fuq il-persuna tieghu, ma jintitolax lil dik il-persuna tuza dik l-arma fejn mhux mehtieg. Filwaqt li huwa minnu li mill-provi jirrizulta illi l-imputat kien awtorizzat igorr arma Glock 17/19 "*during* [his] *tour of duty*", huwa indiskuss illi din l-awtorizzazzjoni tghodd waqt li huwa jkun attwalment *on duty*. Izda ma jirrizultax illi l-imputat kien *on tour of duty* fil-hin li gara l-kaz ghaliex effettivament mill-provi jirrizulta li huwa kien qieghed ghand ommu, u kuntrarjament ghal dak li huwa qal waqt it-telefonata fuq il-linja 112, ma jirrizultax lanqas illi li l-Ministru kien mieghu dak il-hin. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-imputat lanqas kien awtorizzat igorr l-arma fuq il-persuna tieghu dak il-hin, ahseb u ara jispara l-arma fin-nuqqas ta' cirkostanzi li jindikaw li dan l-uzu ta' forza kienet mehtiega u inevitabbli.

Kif diga` stabbilit, l-imputat deliberatament spara lejn il-vettura ta' Smith bil-hsieb li jikkagunalu griehi ta' natura gravissima u effettivament ikkaguna hsara volontarja fil-vettura tieghu bir-rizultat li huwa hati ta' attentat tar-reat taht l-Artikolu 218 u tar-reat konsummat taht l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9, fost ohrajn. Kif rajna diga`, l-argoment tad-difiza illi l-imputat kien gustifikat illi jispara fuq il-vettura ta' Smith ghaliex dan tal-ahhar kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb, baqa' diehel fil-vettura tal-Ministru u minkejja li kkaguna hsara sostanzjali fl-istess vettura, harab minn fuq il-post, m'huwiex tajjeb. B'zieda ma' dan, jirrizulta abbondantement ippruvat mit-testimonjanza tat-tliet xhieda okulari inkluz tal-parte civile nnifsu, illi l-imputat diga` kellu l-arma f'idu **<u>qabel</u>** l-istess parte civile fil-pront dahal fil-vettura tieghu u telaq minn fuq il-post. Kemm hu hekk, Claudia

Nicastro xehdet illi semghet lil Smith jistaqsi lill-imputat ghalfejn kellu l-arma f'idejh u dan waqt li kienu ghadhom fit-triq jargumentaw. Inoltre, kif rajna, ma giex ippruvat sodisfacjentement illi Smith kien ta' perikolu jew li hedded jew hebb ghall-imputat f'xi hin qabel l-imputat hareg l-arma.

Minn dak kollu kkunsidrat u stabbilit, jikkonsegwi illi l-imputat ma kienx qed igorr l-arma tan-nar fuq il-persuna tieghu, waqt il-kummissjoni tad-delitti addebitati lilu, ghal skop legittimu, u ghaldaqstant jirrizulta r-reat taht l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480.

**Il-Hames Imputazzjoni**

Il-hames imputazzjoni taddebita lill-imputat ir-reat taht l-Artikolu 24 tal-Ordinanza tal-Esplozivi (Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta) li jistipola illi:-

**24.**(1) *Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jagħti n-nar jew jispara maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet tan-nar ta' kull xorta li jkunu, inkella jtella' blallen bin-nar jew, in ġenerali, jagħmel esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f'kull post li jkun.*

Fil-fehma tal-Qorti huwa minnufih ovvju illi l-imputat ma jistax jinstab hati li agixxa bi ksur ta' dan l-Artikolu tal-ligi citat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Evidentement, il-mira tal-Ordinanza in kwistjoni m'hijiex li tipprojibixxi l-isparar ta' arma tan-nar, izda li tirregola l-produzzjoni, manifatturar, bejgh u uzu ta' esplozivi. Kif rajna, huwa l-Att dwar l-Armi (il-Kapitolu 480) li jirregola l-garr u sparar ta' armi tan-nar minghajr licenzja tal-Pulizija, u li jistabbilixxi r-reati u l-pieni ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet tieghu; kemm hu hekk l-imputat gie akkuzat u qed jigi misjub hati tar-reat taht l-Artikolu 55 tal-Kap. 480.

Ghalkemm huwa minnu illi ghall-finijiet tal-Kapitolu 33, il-kelma "*esplożivi*" tinkludi **skrateċ u munizzjon ta' kull xorta**, u huwa minnu wkoll illi l-imputat

spara munizzjon mill-arma tan-nar li kien qed igorr fil-hin tal-incident, huwa daqstant car illi l-kondotta kriminali li jehtieg li tigi ppruvata biex tinsab htija taht l-Artikolu 24 tal-Kap. 33, m'hijiex l-isparar ta' skratac u munizzjon izda, **in ġenerali, l-ghemil ta' esplożjoni jew nar li jista' jkun ta' perikolu, f'kull post li jkun**. Il-Qorti taqbel li l-isparaturi tal-arma tan-nar da parti tal-imputat, sehhew f'post pubbliku u kienu ta' perikolu mhux biss ghal Smith izda anke b'mod generali ghall-persuni l-ohrajn fit-triq li jirrizultaw li kienu jinsabu vicin hafna tal-kollutazzjoni, izda zgur ma jirrizultax illi bl-isparaturi ma sehhet xi spluzjoni jew nar **fis-sens imfisser mill-Artikolu 24**.

Fir-rigward jinghad illi ghalkemm skratac u munizzjon huma definiti bhala splussivi, ma jfissirx li dawn meta jigu sparati jipproducu l-esplozjoni jew jaghtu n-nar ghall-finijiet tal-Artikolu 24. Il-Qorti fehmet illi t-terminu generali "*esplozjoni jew nar*" imsemmi fl-Artikolu 24 ghandu jitfisser b'referenza diretta ghall-atti specifici elenkati mil-legislatur iktar qabel fl-istess dispozizzjoni legali: ghaldaqstant, il-kondotta kriminuza ghandha tikkonsisti fil-hruq ta' "*nar jew sparar ta' maskli, bombi, sufarelli, jew xogħlijiet jew blalen tan-nar*".

Din l-interpretazzjoni hija rinforzata minn qari tad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 24, fejn huwa evidenti li l-esplozjonijiet ipotetizzati mil-legislatur huma dawk li jigu prodotti fl-operazzjonijiet li jsiru f'okkazzjonijiet ta' festi jew gemghat ohra ta' nies:-

*(2) Il-liċenzja msemmija fis-subartikolu (1) tingħata taħt il-kondizzjoni illi* ***l-operazzjonijiet hawn fuq imsemmija***[90] *jsiru f'post irparat, u, f'okkażjonijiet ta' festi jew ta' ġemgħat oħra ta' nies, f'post hekk imbiegħed mill-folol li ma jistgħux isiru disgrazzji.*

[90] Ossia dawk imsemmija fis-subartikolu (1).

Ghaldaqstant, ma hemm ebda dubju li l-imputat, galadarba ma ghamilx esplozjoni fis-sens imfisser mill-Artikolu 24 tal-Kap. 33, ma jistax jiinsab hati tar-reat lilu addebitat fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Ir-reat kontravvenzjonali addebitat lill-imputat a tenur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9, jipprovdi li huwa hati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbiku kull min bil-lejl, jikser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marco Debono** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru tal-2011, il-Qorti qalet illi biex jinkwadra l-Artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali, jehtieg li l-hsejjes jammontaw ghal "*nuisance*" u cioe` jkun hemm "*substantive inconvenience and material discomfort*". Inghad ukoll illi l-inkonvenjent irid ikun gravi u mhux facilment tollerabbli, kif ukoll kontinwu u intens.

Izda l-istess Qorti, f'sentenza sussegwenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Attard et,** qieset illi dan l-insenjament huwa ftit jew wisq assolutista u huwa iktar deziderabbli li wiehed jaddotta attitudni iktar flessibbli rigward dan ir-reat. Riaffermat ukoll illi jispetta lill-Qorti, min kaz ghal kaz u skond ir-rizultanzi processwali, li "*tivvaluta d-depozizzjoni tal-persuni li jkunu qed jillmentaw mill-inkonvenjent li tiddeciedi jekk il-hsejjes ikunux verament ta' inkonvenjent jew le, mehud skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz in dizamina, il-Qorti ma tirravvizax l-estremi biex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali, ghaliex tqis illi f'kull kaz irid jirrizulta illi l-element materjali konsistenti fi hsejjes, ghajjat jew komportament iehor tal-agent, **ikun wassal biex effettivament kisru l-mistrieh tan-nies**. Ghalkemm mill-provi, anke mit-testimonjanza tax-xiehda li xehdu

quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali[91], jidher illi diversi girien fit-triq fejn sehh l-incident mertu tal-kaz, semghu l-isparaturi u kien hemm ukoll min sema' l-ghajjat tal-argoment bejn l-imputat u Smith, hadd mix-xhieda ma lmenta illi dawn il-hsejjes iddisturbawlhom il-mistrieh taghhom. Ghalkemm huwa minnu l-istorbju tal-argoment u tal-isparatura sehh fil-hinijiet ta' bil-lejl, huwa evidenti li l-incident sehh fi kwistjoni ta' ftit hin u l-isparaturi saru f'temp ta' xi sekonda jew tnejn, *in rapid succession*, u ghaldaqstant huwa nieqes l-element tal-kontintwita` tal-inkonvenjent u kif ukoll tal-inkonvenjent innifsu li, fil-fehma tal-Qorti, huma elementi kostituttivi essenzjali ta' dan ir-reat.

Konsegwentement, l-imputat mhux ser jinstab hati ta' dan ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(m) tal-Kap. 9.

**Is-Seba' Imputazzjoni**

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[92] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace". Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

[91] Il-Perit Valerio Schembri. Dawn ix-xiehda izda, ma gewx prodotti biex jixhdu viva voce quddiem il-Qorti matul dawn il-proceduri.

[92] **Il-Pulizija vs. Noel Tanti**.

…

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "***The Criminal Law of Scotland***" (Edinburgh, 1978):-*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :- "…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04)*

Imbaghad fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali filwaqt li ghamlet referenza ghall-kuncett Ingliz ta' 'breach of the peace' li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, citat is-segwenti bran mill-ktieb 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987):-

*The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)."*

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in dizamina ftit hemm xi tghid. Huwa ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-ghemil tal-imputat, meta hareg arma tan-nar u spara zewg f'post pubbliku, nissel allarm, inkwiet jew thassib, talanqas f'mohh Stephen Smith[93] u Lidgia Sammut Farrugia dwar l-inkolumita' fizika taghhom b' rizultat

[93] Kif diga` stabbilit fil-kunsiderazzjonijiet dwar it-tieni imputazzjoni.

dirett ta' dak l-ghemil. Dan huwa ovvju anke mis-segwenti bran mix-xhieda ta' Lidgia Sammut Farrugia:-

*"... another gentleman with the gun started shooting at this vehicle and I was very shocked ...*
...
*... and he was swinging his gun on the floor so I was like, you know, afraid to be honest but I remember he was very aggressive.*"

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fis-seba' imputazzjoni gie ppruvat sodisfacjentement u illi konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

**<u>It-Tmien Imputazzjoni</u>**

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 338(h) tal-Kap. 9, li jqis li huwa hati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min, għad li jkollu l-jedd li jwiddeb lil ħaddieħor, joħroġ barra mill-qies, il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izzid mal-konsiderazzjonijiet diga` maghmulin minnha fil-qafas tar-reati l-ohra addebitati lill-imputat, liema konsiderazzjonijiet jghoddu wkoll ghal dan ir-reat kontravvenzjonali.

Li l-imputat bhala ufficjal tal-Korp tal-Pulizija kellu l-jedd li jwiddeb lil Smith li ma jitlaqx minn fuq il-post wara li kien habat fil-vettura tal-Ministru, huwa indiskuss, izda huwa daqstant evidenti li l-istess imputat, meta hareg l-arma tan-nar u *multo magis* meta spara lejn il-vettura ta' Smith, ecceda kull limitu ta' awtorita` li kellu sija bhala individwu privat u hija wkoll bhala ufficjal tal-Korp. Dan ghaliex, kif diga` gie abbondantement ikkostatat, mhuwiex ippruvat, lanqas fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet, illi l-imputatipprova juza s-setghat tieghu taht l-Artikolu 355X tal-Kap. 9, wisq inqas jirrizulta li huwa pprova jaghmel dan izda falla ghaliex Smith irrezista l-arrest jew kien vjolenti. Il-Qorti ma hija konvinta xejn bl-argoment tad-difiza li Smith kien ta' theddid ghall-inkolumita`

tal-imputat jew tal-proprjeta` tieghu. Kif diga` stabbilit, **l-argoment eskala proprju ghaliex l-imputat warrab is-setghat kif ukoll id-dmirijiet li kellu fic-cirkostanzi u mexa b'wirja esagerata ta' forza u vjolenza meta dehrlu li kellu johrog ghal Smith bl-arma tan-nar, jheddu biha u - ghaliex Smith harab bil-biza' tal-arma - jispara zewg tiri fid-direzzjoni tieghu**. Din il-manifestazzjoni eccessiva ta' forza kompliet tevidenzja ruhha anke wara l-isparaturi, fil-qaghda li fiha l-ufficjali tar-Rapid Intervention Unit sabu lill-imputat taht il-mina "*b'saqajh fuq dahar l-allegat aggressur li kien wiccu mal-art*"[94] u mill-kliem li l-imputat instema' jghid fit-telefonata li ghamel huwa stess lill-Control Room: "*ticcaqlaq ghax nahlih fuqek*".

**<u>L-Aggravanti taht l-Artikolu 141 taL-Kodici Kriminali</u>**

L-Artikolu 141 jipprovdi ghal zieda bi grad fil-piena ghal dak ir-reat li jinsab hati tieghu kull uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema reat ikun wiehed li l-ufficjal jew impjegat pubbliku kellu d-dmir li jimpedixxi jew jissorvelja biex ma jsirx.

Gie ritenut illi biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 tal-Kap. 9, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat jew li jimpedixxi dan ir-reat, jew reati.

Issa fil-kaz in dizamina, l-imputat kien ufficjal tal-Pulizija fiz-zmien li twettqu r-reati li qed jinsab hati taghhom u bhala tali, kellu l-obbligu li jissorvelja li ma jsir ebda reat u li effettivament jimpedixxi li jsiru r-reati **kollha**. Dan minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 346(1) li jipprovdu:-

**346.** (1) *Huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew*

[94] Fol 777, Rapport tal- Perit Valerio Schembri– xhieda ta' P.C. 1359 Rueben Zammit.

*favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm*
*il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.*

Hemm ukoll l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164) li jistipola illi l-objettivi prinċipali tal-Korp huma, *inter alia*:-

*(a) li jżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma jħallix li jsiru reati, li jġib 'il quddiem u jwettaq it-tħaris tal-liġijiet, bħala l-ewwel garanzija tad-drittijiet tal-persuni kollha f'Malta, ukoll qabel ma tkun meħtieġa xi azzjoni permezz tas-sistema ġudizzjarja għar-ripressjoni, sanzjoni jew rimedju ta' ksur;*

Ghaldaqstant, galadarba stabbilit illi l-imputat wettaq ir-reati li taghhom qed jinstab hati f'dawn il-proceduri, jikkonsegwi necessarjament illi ghandu jsib riskontru l-aggravanti prospettat fl-Artikolu 141 tal-Kap. 9 li gie debitament indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju. Jinghad ukoll illi peress li l-imputat kellu l-obbligu, bhala ufficjal tal-Korp tal-Pulizija illi jissorvelja ill ma jsir ebda reat kwalsiasi u kellu d-dmir li jimpedixxi li jsiru r-reati kollha, proprju minhabba din il-kariga tieghu, l-aggravanti in kwistjoni ghandu jigi impost kwantu kull reat li tieghu qed jinstab hati.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Id-difiza kkontestat specifikatament illi l-imputat ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahturin ghall-finijiet tal-ezamijiet ta' *gunshot residue*.

Il-Qorti fir-rigward, tosserva illi dawn l-esperti kellhom necessarjament jinhatru fl-istadju tal-*in genere* sabiex jigu ppreservati t-tracci tar-reat u f'kull kaz, galadarba gie mahtur espert, kien doveruz fuqu li jespleta l-inkarigu lilu moghti sakemm ma jkunx irrinunzja ghall-inkarigu jew ircieva struzzjonijiet kuntrarji, jew sakemm dan l-inkarigu ma jkunx gie altrimenti revokat. Inoltre, galadarba fl-istadju li gie indikat lilha l-htiega li jinstema' l-espert in kwistjoni, il-Qorti kienet qed

tiffunzjona bhala qorti struttorja, kellha timxi skont kif indikat lilha mill-Avukat Generali. Wara kollox hija l-funzjoni tal-qorti struttorja li tqis li l-gbir tal-provi jkun komplut minn kollox u l-ezami tal-*gun shot residue* hija parti integrali mill-evidenza relatata max-xena tad-delitt.

Il-Qorti tosserva illi l-ewwel darba li gie indikat lilha l-htiega li tisma' lil John Charles Ellul u lil Dr. Christopher Moynehan, l-esperti mahturin fl-Inkjesta Magisterjali biex jippreservaw u jezaminaw it-tracci tal-*gun shot residue* rizultanti mill-isparaturi, kienet fil-15 ta' Jannar 2015, u dan permezz tal-ewwel nota ta' rinviju mibghut lilha mill-Avukat Generali. Izda, l-ewwel darba li d-difiza ddikjarat b'mod formali lill-Qorti li l-prova dwar il-*gun shot residue* ma kienetx mehtiega, kienet **ben tmien xhur wara** fl-udjenza tas-16 ta' Settembru 2015, f'liema perijodu l-Qorti ma tistax hlief tistenna illi l-esperti baqghu jespletaw l-inkarigu taghhom. Kemm hu hekk, fl-udjenza sussegwenti tas-6 ta' Novembru 2015, il-Prosekuzzjoni wara li ghamlet id-debiti verifiki mal-esperti in kwistjoni, iddikjarat illi l-esperti kienu diga` espletaw l-inkarigu, u effettivament dawn l-esperti xehdu fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2015 meta pprezentaw ukoll ir-rapporti taghhom in atii.

F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva sabiex tqis illi l-imputat ghandu jerfa' l-obbligu tal-hlas ta' dawn l-ispejjez stante illi dawn gew inkorsi b'rabta mal-espletazzjoni ta' inkarigu validament moghti ghall-finijiet tal-Inkjesta Magisterjali minghajr ebda indikazzjoni moghtija b'mod tempestiv li l-ezamijiet ma kienux, wara kollox, mehtiega.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Illi ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti tosserva illi fiz-zmien meta gew kommessi r-reati addebitati lill-imputati, kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018 li awmenta konsiderevolment il-piena

ghar-reati prospettati fl-Artikolu 216, 217, 218 u 221 u ohrajn, tal-Kodici Kriminali. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh **wara** li giet istitwita l-azzjoni kriminali odjerna u konsegwentement, bl-applikazzjoni tal-principju tan-non retroattivita` tal-ligi kriminali sostantiva, dan ifisser illi ghall-fini tal-kaz in dizamina ghandhom jigu applikati, kwantu ghar-reat ta' offiza gravissima fuq il-persuna taht l-Artikolu 218 tal-Kap. 9, il-pieni li kienu in vigore meta sehh il-kaz fid-19 ta' Novembru 2014, cioe` prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin bit-tnaqqis ta' grad sa zewg gradi skont l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kap. 9 u bl-aggravanti tal-Artikolu 141 tal-istess Kap. 9.

Dwar l-Artikolu 217 tal-Kap. 9 li gie indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, il-Qorti tqis illi dan ma japplikax ghar-reat ta' offiza ta' natura gravissima taht l-Artikolu 218 u jista' jsib riskontru biss f'kaz li r-reat taht l-Artikolu 216 tal-Kap. 9 jitwettaq bl-uzu *inter alia* ta' arma regolari. Dan qed jinghad ghaliex, evidentement, il-pieni prospettati mill-Artikolu 218 huma u kienu diga` iktar oneruzi minn dawk ghar-reat taht l-Artikolu 217 tal-istess Kap. 9. Ma jaghmel ebda sens logiku li tigi applikata piena inqas ghar-reat ravvizat mill-Artikolu 218 meta dan ir-reat jigi kommess bl-uzu ta' arma regolari.

Fl-istess waqt, kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 251(3) u 251H(g) tal-Kap. 9 kif ukoll l-Artiklu 55(a) tal-Kap. 480, il-Qorti tqis illi hawnhekk issib riskontru l-principju tal-konkorrenza formali tar-reati kwantu illi l-istess kondotta kriminali taghti lok ghal iktar minn reat wiehed bil-ksur ta' zewg dispozizzjonijiet jew iktar tal-ligi kriminali. Kif stabbilit, l-imputat effettivament uza vjolenza fil-konfront ta' Stephen Smith meta spara l-arma tan-nar fid-direzzjoni tieghu, izda bl-istess agir huwa diga` qed jinstab hati tar-reati taht l-Artikolu 218 u 325 tal-Kap. 9. Imbaghad, waqt li kien qed iwettaq dawn id-delitti, l-imputat kien qed igorr fuqu arma tan-nar minghajr mottiv legittimu, liema agir huwa bi ksur ukoll tal-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480.

Konsegwentement, ghandha tinghata l-piena biss ghar-reat l-iktar gravi li, f'dan il-kaz, huwa r-reat ta' tentattiv ta' offiza gravissima fuq il-persuna taht l-Artikolu 218 li kif inghad, dak iz-zmien kien igorr piena massima ta' prigunerija ghal disa' snin[95].

Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 dan evidentement twettaq bhala mezz sabiex isir reat iehor cioe` dak tal-attentat ta' offiza ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 218, u ghandha ssib applikazzjoni r-regola prospettata fl-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, ghaliex l-imputat, sabiex wettaq l-attentat tar-reat tal-offiza gravissima fuq il-persuna, laqat il-vettura li l-persuna kienet tinsab go fiha fil-hin tal-isparaturi u ghalhekk ghandha tinghata l-piena ghar-reat l-iktar gravi li huwa dak taht l-Artikolu 218.

Imbaghad, kwantu ghar-reati kontravvenzjonali li taghhom l-imputat qed jinstab hati, bl-applikazzjoni tar-regola kontenuta fl-Artikolu 17(d) tal-Kap. 9, ghandha tinghata biss il-piena stabbilit ghad-delitti u mhux ghall-kontravvenzjonijiet.

Il-Qorti ghall-finijiet tal-piena hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati lilu addebitati u li taghhom qed jinstab hati, l-imputat ma kellux fedina penali oneruza, kif ukoll il-fatt illi s-sentenza fil-konfront tal-imputat qed tinghata ftit inqas minn sitt snin wara li tressaq quddiem il-Qorti dwar dan il-kaz.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-hames u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 41(1)(a), 31, 141, 214, 218(1)(a)(b)(2), 251(3), 251H(g), 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(h)**

[95] Kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480, jigi osservat illi bl-aggravanti prospettat fl-Artikolu 141 tal-Kap. 9 il-piena tizdied mandatorjament bi grad sa massimu ta' hames snin izda fl-istess waqt, jigi osservat ili ma hemm ebda piena ta' prigunerija minima stabbilita.

**tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-Artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil PAUL (PETER PAUL) SHEEHAN hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija izda, bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-pistola Glock BSX914 (Dok. CCC1), il-magazine tal-istess pistola bi hmistax (15)-il balla mhux sparati (Dok. CCC2) u zewg balel sparati (Dok. CCC3 u CCC4), ilkoll esebiti fl-atti processwali.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Stephen Smith, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elf Euro (€1,000) li ma jimmolestax lill-istess Stephen Smith, u dan ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sebat elef, hames mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u erbghin**

**centezmu (€7,543.47) rapprezentanti l-ispejjez imhallsin lill-esperti mahturin f'dawn il-proceduri[96] u dan fi zmien sentejn mil-lum.**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAGISTRAT.**

[96] P.L. Mario Buttigieg **€767** (envelop a fol 504, pagna 48 tar-rapport), Dr. Martin Bajada **€1,252.26** (envelope fol 571A), esperti ballisitici: Brigadier Maurice Calleja, Jesmond Cassar PS 46 Charlot Casha **€1,360.14** (fol. 497 tergo u fol. 498), SOCO PS644 Evan Camilleri u PS 612 Theo Vella **€794.78** (fol 528), PC 1362 Jonas Schembri **€29.68** (fol 538), Dr Mario Scerri **€364.22** (fol 666); John Charles Ellul **€469** (fol 725 tergo), Perit Valerio Schembri **€2,506.39** (fol 760).